MARZU 2006 – IS-26 SENA – GĦADD 258 – NEWSPAPER POST – ISSN 1811-5373



# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

# werrej

















3 **Dawl Franġiskan - 25 Sena**
Editorjal

4 **Personaġġi Bibbliċi**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Hu Isbaħ tagħti milli tirċievi**
minn P. Pubblio Mair OFMCap

10 **Missjoni**
minn Mons. Francis Baldacchino

11 **Il-Ministeru tal-Kura tal-Morda u l-Franġiskani matul iż-żminijiet (3)**
minn Dr Mario Saliba M.D.

12 **Esperjanza**
minn Emily Barbaro Sant

14 **Lejn Alla bl-Isport**
minn Joe Attard

15 **Mużew Provinċja**
minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap

16 **Kristjaneżmu**
minn Tony C. Cutajar

19 **Messaġġ bil-Kant**
minn Laurence Attard

20 **Storja/Poeżija**

21 **Saħħtek**
minn Dr Tonio Piscopo
MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

22 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

23 **Ġi.Fra.**
minn Elaine Abela

24 **OFS**
minn P. Frans Abela Giusti OFMCap

25 **Kuba**
minnP. Philip Cutajar OFMCap

26 **Kristjaneżmu**
minn Joe Flask

28 **Vokazzjoni**
minn Alfred u Antonia Scicluna

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Isqof Ġdid għad-Djoċesi t'Għawdex**
L-Eċċelenza Tiegħu Mons. Mario Grech


**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14**



Qoxra:
Ġesù kkonslat mill-anġlu fl-ort tal-Ġetsamini u d-dixxipli reqdin.


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Viċi Editur**
Andrè Azzopardi OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.
Tel: 2144 0083


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2006
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini




# DAWL FRANĠISKAN ĦAMSA U GĦOXRIN SENA TA' EVANĠELIZZAZZJONI - AD MULTOS ANNOS

**Hija l-missjoni fondamentali tal-Knisja li twassal l-Aħbar it-Tajba lill-popli kollha. Din il-ħidma hija t-twettiq tal-mandat imħolli lilha mill-fundatur stess tagħha Ġesù Kristu: *"Kull setgħa ġiet mogħija lili fis-Sema u fl-art. Morru mela fid-dinja kollha u għallmu l-ġnus kollha u għammduhom fl-Isem tal-Missier, ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu... ara jien se nkun magħkom sa l-aħħar taż-żmien"* (Mt 28:18-20).**

Il-ħidmiet kollha tal-Knisja huma mmirati li jwasslu l-id ta' fejda lill-popli kollha fil-kategoriji tal-ħajja li jinsabu fihom. Ħafna drabi biex dan id-dmir twettaq ġie mħallas prezz għoli ta' ħajjiet ta' l-istess evanġelizzaturi fuq l-eżempju stess ta' Kristu nnifsu.

Elfejn sena wara minn dan il-mandat, il-Konċilju Vatikan II, fid-Digriet ***"Inter Mirifica"***, iġedded is-sejħa ta' l-Evanġelju u jikkwalifikaha b'dan il-kliem: ***"Il-Knisja Kattolika, billi hija mwaqqfa minn Kristu l-Mulej biex twassal is-salvazzjoni lill-bnedmin kollha u għalhekk tħoss ruħha mġiegħla mill-ħtieġa li xxandar l-Evanġelju, tarah dmirha li tuża wkoll l-istrumenti ta' komunikazzjoni soċjali sabiex ixxandar l-aħbar tas-salvazzjoni..."*** (1:3). B'din l-istqarrija l-Knisja qed tobbliga lilha nnifisha li tapprezza l-iżvilupp tat-teknoloġija moderna sal-punt li tagħmel użu tagħha b'riżq il-popli.

Il Provinċja Franġiskana Kapuċċina Maltija, immdawla mill-messaġġ ta' l-Evanġelju u mħeġġa mill-kliem tad-Digriet ***"Inter Mirifica"*** imsemmi fuq, testendi l-ħidma pastorali tagħha flimkien ma' dik fl-isptarijiet, il-ħabs, iċ-ċimiterju u l-parroċċi għal dik ta' Evanġelizzazzjoni permezz ta' l-istampa. Din il-ħidma tinkwadra tajjeb fl-artiklu 153:2 tal-Kostituzzjonijiet il-Ġodda ta' l-Ordni Franġiskan Kapuċċin. F'dan l-artiklu tal-Kostituzzjonijiet, l-Ordni Franġiskan Kapuċċin jagħmel tiegħu l-ħsieb tal-Konċilju Vatikan II fid-Digriet imsemmi fuq f'dawn il-kelmiet: ***"Għaldaqstant għandna nistmaw ħafna l-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni soċjali bħala strumenti adattati għax-xandir ta' l-Evanġelju fost il-popli ta' żmienna..."*** (153:2).

F'din is-sena, il-Provinċja Franġiskana Kapuċċina qed tiċċelebra l-**Ħamsa u Għoxrin Anniversarju** minn mindu r-rivista **DAWL FRANĠISKAN** tnisslet u bdiet tinfirex fi djar il-familji Maltin. It-tifkira ta' dan l-anniversarju mhix f'sens trijonfalistiku, iżda b'apprezzament lejn dawk li għarfu wieħed mis sinjali taż żminijiet ta' Ħamsa u Għoxrin Sena ilu u ħadu l-inizjattiva. Ċert li jekk l-Ordni Franġiskan Kapuċċin li f'Malta jgawdi statura fil-ħidma tiegħu fi ħdan il-Knisja, ikun qed jonqos jekk iżomm lura milli jagħmel użu mill-teknoloġija moderna b'riżq l-istess għan li għalih jeżisti, dak li jgħix l-Evanġelju u li l-istess Aħbar Tajba jwassalha b'mezzi effettivi. Illum, wara Ħamsa u Għoxin Sena ta' ħajja, id-Direzzjoni tar-Rivista "Dawl Franġiskan" b'sodisfazzjon tinnota li qed twassal għand eluf ta' Maltin u Għawdxin kontenut ta' Evanġelizzazzjoni fi preżentazzjoni li jixirqu lill-ġenerazzjoni li l-livell ta' għejxien li fih qed tgħix jitlob kwalità ta' messaġġ f'bixra attraenti. •



# SARA (Is-Sieħba)

**Fit-Testment il-Qadim wara l-ewwel ħdax il-kapitlu tal-Ġenesi u li llum jissejħu dawk tal-preistorja, il-ktieb tal-Ġenesi jibda bir-rakkont tant imżewwaq tal-patrijarka Abraham. Marbut ma' dan il-personaġġ tal-fidi hemm ukoll martu Sara, li tiġi kklassifikata fost il-matrijarki tant qawwijin tal-Bibbja. L-isem ta' din Sara, mart Abraham, huwa miktub għal ħamsa u ħamsin darba u l-istorja sħiħa ta' din il-mara qiegħda fil-Ġenesi kapitli 11:29-12:20; 16:1-18. 20:1-21. It-Testment il-Ġdid ukoll isemmi l-isem tal-matrijarka Sara. Hekk jagħmel San Pawl, Rum 4:19; 9:19, kif ukoll Lhud 11:11, u IPt 3:6. Dan kollu għalhekk juri sew l-importanza ta' dan il-personaġġ bibliku kif ukoll bikri tat-Testment il-Qadim.**

## KOPPJA TA' GHAQAL

Mir-rakkont ta' ħajjet Sara joħorġu sew żewġ aspetti pożittivi ħafna:

- **Sara kellha relazzjonijiet u mġiba tajba ħafna ma' żewġha Abraham,**
- **l-istat li kellha fi żmienha.**

Sara ma kenitx biss personalità importanti fi żmienha, imma kienet ukoll is-sieħba ta' Abraham, li jfisser fattur importanti għal ħajtu. Abraham u martu Sara kienu aktar minn sempliċiment "koppja miżżewġa", kienu grupp ta' tnejn min-nies jaħdmu flimkien u jiddeċiedu flimkien, jibku u jifirħu flimkien. Tassew koppja ideali għal żminijiethom.

Mill-fatti bibliċi l-oħra tal-patrijarki u n-nisa tagħhom, wieħed jinnota ċertu nuqqas ta' qbil bejn ir-raġel u l-mara – disparità li kull ma tmur tkompli dejjem tikber u toħroġ fil-beraħ. Filwaqt li n-nisa ta' ċerta responsabbiltà u li għamlu tant għeġubijiet f'ħajjithom u isimhom qiegħed fil-Bibbja kienu dejjem sottomessi u taħt il-madmad qalil ta' żwieġhom. Sara ma kenitx hekk. Kienet tqawdi xi ħaġa speċjali ħafna għal dawk iż-żminijiet. Donnu saret eċċezzjoni kbira ħafna ma' din il-mara hekk bikrija tal-Ġenesi.



Il-favuri li kienet tgawdi Sara aktarx li kienu ġejjin mill-fatt li Abraham u martu kienu mhux biss ir-raġel u l-mara, imma wkoll qraba ta' xulxin. Dejjem skond il-għorrief tal-Bibbja, Sara kienet it-tifla ta' Ħaran, u dan Ħaran kien ħu Abraham. Fil-Bibbja dan jidher (ara Ġen 20:12), għaliex Abraham qal lil Abimelek, sultan ta' Ġerar, li Sara kienet oħtu, it-tifla ta' missieru għalkemm mhux it-tifla ta' ommu (Abraham). Fl-aħħar mill-aħħar dan kollu huwa veru. Din il-verità jikkonfermaha wkoll il-ktieb apokrifu tal-Ġubilej miktub madwar is-sena 100 qabel Kristu. F'dan il-ktieb hemm li Abraham ħa lil Sara b'martu.

## MARA GHAQLIJA

Fil-ġrajjiet li dammew ħajjet din il-matrijarka wieħed jikkonkludi kemm din kienet tassew mara għaqlija u fl-istess waqt ħanina. Kienet taħdem b'responsabbiltà kbira ma' żewġha Abraham, tgħinu, tagħmillu kuraġġ u taħsiblu għall-ikel b'imħabba u qalb kbira. Abraham kien jaf x'għandu madwaru, tant li bosta drabi mhux biss kien joqgħod għal dak li tgħidlu, imma jdur lejha u jitlobha



l-pariri siewja tagħha fid-deċiżjoni li kien se jieħu. Anzi hemm ordni ċara ġejja minn Alla li qal lil Abraham: **"La tinkwetax għaż-żagħżuha u għall-qaddejja; kulma qaltlek Sara isma' minn kliemha"** (Ġen 21:12). Il-kuntest ta' din il-ġrajja kienet it-tkeċċija ta' Ħagar u Ismael lejn id-deżert.

Ġrajja oħra marbuta mal-matrijarka Sara u li ssaħħaħ it-teżi kemm tassew Sara kienet mara għaqlija hija fil-bdil ta' l-isem. Huwa interessanti ħafna l-fatt li fil-Bibbja hemm iva bdil ta' l-isem, imma dawn il-każijiet qegħdin biss fost l-irġiel. Hekk Abram isir Abraham, Ġakob isir Iżrael, Hosegħa bin Nun isir Ġoswè. Fit-Testment il-Ġdid hemm ukoll żewġ ismijiet tipiċi, Xmun isir Pietru, u Sawl isir Pawlu. Issa l-uniku eżempju ta' mara li tbiddel isimha hija Sara. **"U Alla żied jgħid lil Abraham: 'Saraj martek, ma jkunx jisimha aktar Saraj, imma Sara jkun isimha"** (Ġen 17:15).

Il-bdil ta' l-isem – Abraham u martu Sara – ħalla marka kbira fil-ħajja tagħhom it-tnejn. Waħda minn dawn il-marki fondi hija li minn tnejn jibdew jissejħu "wieħed". Jiġu mpinġija bħala "TIM", koppja. Hekk il-Bibbja titkellem minn Abraham u Sara bħala "xjuħ imdaħħla fiż-żmien" (Ġen 18:11). Dan l-istess ħsieb ta' koppja jerġa' jidher f'Ġenesi 12:5. Meta Abraham u Sara ħadu "l-ġid kollu li kienu għamlu, u n-nisa li kienu kisbu f'Ħaran. Dawn "in-nies" jiġu nterpretati bħala bnedmin, l-irġiel ikkonvertihom Abraham u n-nisa ikkonvertiethom Sara. Hawn ukoll għandna lil Abraham u martu Sara bħala kompanji jaħdmu flimkien biex jiksbu dejjem l istess għan tajjeb.

## TIFEL FI XJUĦITHA

Ġrajja li tappnet xi ftit ħajjet Sara u naturalment ukoll dik ta' Abraham huwa l-fatt li Sara ma setax ikollha tfal. Dan il-fatt però ma affettwax ir-rabta ta' bejniethom it-tnejn. Hekk allura wieħed jista' jifhem aħjar għaliex Sara waslet biex lil Abraham offrietlu lil Ħagar u hekk ikollu t-tfal, mela d-dixxendenza titkompla. Dan l-att wieħed għandu jħares lejh bil-kultura ta' dawk iż-żminijiet. Sara waslet sa hawn, għaliex anki hija kienet se tgawdi mit-tfal tal-qaddejja Ħagar (Ġen 16:2). U dan ikompli jsaħħaħ kemm tassew l-imġiba ta' Sara turi għaqda u rabta ma' żewġha Abraham. Sara kienet persważa li r-rabta ta' bejniethom ma kenitx tiddependi biss mill-ulied. Biss meta mbagħad Sara wildet lil Iżakk, it-tnejn li huma sabu l hena u l-gost ta' ħajjithom. Ma ninsewx li d-dixxendenza fi ħdan il-familja kienet xi ħaġa fl-ogħla grad u li xejn ma jista' jibdilha.

## OMM TA' NAZZJON KBIR

Abraham u Sara huma l-antenati storiċi-ideoloġiċi u spiritwali tan-nazzjon, bħal ma Adam u Eva huma ż-żewġ elementi fundamentali ta' l-ispeċi umana. Abraham u Sara ħassew lilhom infushom mhux sempliċement bħala koppja li waqqfu familja, imma bħala poplu li qiegħed jibni soċjetà u jwettaq għan preċiż. Sal-ġurnata ta' llum il-Lhud għadhom jissejħu "ulied Abraham" fil-waqt li n-nisa jissejħu "ulied Sara".

Fl-istorja biblika hemm qiegħda l-wegħda lil matrijarka Sara li hija tkun l-omm tan-nazzjon, u dan għaliex hija se jkollha tifel li jwettaq il-patt li Alla għamel lil Abraham. **"U Alla wieġbu: Le, Sara martek twellidlek iben u ssemmih Iżakk, u jien nagħmel il-patt tiegħi miegħu għal dejjem"** (Ġen 17:19). Kliem bħal dan ikompli joħroġ fil-beraħ il-missjoni tas-sema li din il-koppja Abraham u Sara kellhom fil-pjan divin.

Abraham u Sara għexu flimkien għal bosta snin u li matulhom huma ħadmu bħala sieħba u ndaqs, mexxejja ta' għan li huma riedu jilħqu. U għalhekk meta wasal il-mument tal-bidla, nibtet relazzjoni ġdida bejniethom. Il-fatt tal-bdil ta' l-isem fejn saru Abraham u Sara, ifisser twelid ġdid b'missjoni kollha kemm hi ġdida. Abraham ġie ċirkonċiż u Sara saret omm fi xjuħitha. Din il-bidla hekk radikali għandha wkoll tifsira simbolika ħafna fl-istorja tal-patrijarki u l-matrijarki ta' Iżrael.

Din il-mara hekk importanti fil-Bibbja għandha ħafna x'tgħallem u b'mod speċjali lin-nisa miżżewġin. Iżda naħseb li l-aqwa tagħlima tal-matrijarka Sara tagħtihielna l-Bibbja stess. **"Kienet ukoll il-fidi li biha Sara – mara sterili u mdaħħla fiż-żmien – setgħet titqal għax hija għarfet li ta' kelmtu kien dak li għamlilha l-wegħda"** (Lhud 11:11). Kliem ispirat bħal dan ta' min jirrifletti sew fuqu u jfassal ħajtu madwaru. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

**Il-ħajja qatt ma taqta' milli toffrilna għalf biex nixtarruh sew. Fiha dejjem jiġru ġrajjiet li tistenniehom u oħrajn ma tobsorhomx. Dawn il-ġrajjiet jisfidawna biex nirriflettu. Il-ħajja kuljum tgħallimna, basta nagħrfu naħsbu fuq dak li nkunu qegħdin naraw, nisimgħu, ninnutaw...**

## ĠENERU LETTERARJU PERIKOLUŻ

'Il fuq minn sentejn ilu, fl-Amerika ħareġ ktieb li qajjem għagħa, kurżità u interess kbir. It-titlu tiegħu hu Da Vinci Code. Inkiteb minn Dan Brown. Qed jinħadem saħansitra film fuqu. Jidhirli li xi xeni minnu nġibdu hawn Malta. Il-ktieb huwa perikoluż ħafna kemm mill-aspett ta' fidi kif ukoll minn dak morali, taqta' naturalment aspetti oħrajn. Dan it-thriller, ippreżentat taħt il-libsa ta' rumanz storiku, ġie msejjaħ 'a chart-topping novel'. Dwaru ntqal: *"Shallow though the book is, it is a major weapon in the campaign to discredit the Christian faith once and for all."*




Biex jirbattu Da Vinci Code, awturi ta' isem fid-dinja Kattolika kitbu diversi kotba tajbin. Fosthom ta' min isemmi *The Da Vinci Code Hoax* miktub minn Carl E. Olson u Sandra Miesel. Min kiteb kritikament fuq din il-pubblikazzjoni għamel stqarrija f'lokha tassew. Qal li *"the 'Da Vinci Code Hoax' is more than a refutation of a single book: it is an antidote to a poisonous genre that is growing in contemporary writing."* Hawnhekk ta' min jiftakar kliem G.K. Chesterton. F'Heretlcs klen klteb: *"Truth, of course, must of necessity be stranger than fiction, for we have made fiction to suit ourselves."* Dawk li jaħdmu biex il-misteru tal-ħażen ikompli jixtered fid-dinja, dejjem jaraw x'jivvintaw biex, fost il-qamħ, tinżera' wkoll is-sikrana. B'reazzjoni qawwija f'qalbhom kontra r-reliġjon nisranija u Kattolika, xi wħud qed jinqdew b'kull mezz, biex itellfu fil-bniedem ta' llum kull fiduċja fil-Knisja Kattolika. Qed jagħmlu użu minn dawk il-mezzi li jiġġennu għalihom il-bnedmin ta' llum, ngħidu aħna, *fiction genre*.

L-insara jridu joqogħdu għassa għall-ġeneru ġdid ta' kitba li qed jinħoloq fi żmienna, li huwa rovinuż kemm fejn idħol it-twemmin fi Kristu kif ukoll fejn tidħol il-morali nisranija. Bniedem avżat nofsu armat, igħid il-Malti.

**Mulej, biegħdni mill-inganni u l-brikkunati letterarji ta' żmienna!**

## PELLEGRINAĠĠI BLA FROTT?

Fil-ktieb L-Imitazzjoni ta' Kristu, naqraw sentenza li żgur iġġagħlna nirriflettu. F'mument minnhom, l-awtur anonimu ta' dak il-ktieb mitqlu deheb igħid li huma ftit dawk it-talin li, peress li jmorru spiss pellegrinaġġi, issa f'santwarju u issa f'ieħor, b'daqshekk isiru qaddisin.

Hawn Maltin u Għawdxin li marru pellegrinaġġi f'diversi nħawi tad-dinja u ħajjithom inbidlet tabiħaqq. Imma hemm oħrajn li ġejjin u sejrin Lourdes, l-Art Imwiegħda, Fatima, Medjugorje, San Giovanni Rotondo, Ars, Assisi, Cascia, Ta' Pinu, il-Madonna ta' l-Għar..., imma ħajjithom qatt ma nbidlet għall-aħjar. Jinku kienu, u jinku baqgħu; itaqtqu fuq in-nies kienu, u jtaqtqu baqgħu;



jaqilgħu l-inkwiet fil-familji, fl-inħawi u fil-parroċċi kienu, u jaqilgħu l-inkwiet f'dawn il-postijiet baqgħu...

Il-pellegrinaġġ għandu sens meta nifhem li l-ħajja nisranija hija mixja ta' fidi, mixja li ġieli tkun agonistika (titlob sforz), mixja tul telgħa wieqfa ħafna. Jekk Il-pellegrinaġġ ma jisfidax għal dan ix-xogħol biex il-pellegrin jikber fil-grazzja, ma jkunx ħaġa oħra għajr ġita turistika, logħob tal-knisja, ħela ta' flus mill-aspett reliġjuż, daħka bija nnifsi...

**Mgħallem Divin, ġagħalni nifhem li l-pellegrinaġġ li mmur għalih ikollu sens daqskemm nħallieh ikkabbarni spiritwalment.**

## ĊAPĊIP BLA RIŻULTAT

Iċ-ċapċip qabel kien isir jew fit-tejatru jew fl-istadium tal-futbol. Ma tantx kont tisimgħu fil-knisja. Illum iżda l-iżjed li tisimgħu f'dan il-lok qaddis. L-assemblea liturġika tħobb iċċapċap malli xi ħadd



jolqotha fil-priedki tiegħu jew iqajjmilha s-sentimenti reliġjużi tagħha. Taf tapprezza.

Dment li ċ-ċapċip ikun moderat ma jimpurtax. Waqt il-kant tas-salmi fit-Tempju ta' Ġerusalemm, il-miġegħma kient iċċapċap. Dak li jdejqek hu li ħafna drabi dawk li jħobbu jċapċpu jibqgħu 'l bogħod milli Jgħlxu t-tagħlim li fil-knisja jkun qanqalhom u minħabba f'hekk infexxew iċapċpu jdejhom.

Santu Wistin kien oratur kbir. Meta kien jagħmel xi priedka u n-nies kienet iċapċaplu kien iwaqqafhom, u jgħidilhom: *"Jien mhux iċċapċpu rridkom imma tibku dnubietkom."* Kellu raġun. Biex iċċapċap ma trid xejn, iżjed u iżjed jekk min ikun qed jitkellem ikun kapaċi jissodisfa l-mistennijiet u l-gosti tiegħek. Trid ħafna, iżda, biex tpoġġi fil-prattika dak li tkun fhemt fil-priedka.

**Mulej, għallimni nċapċap inqas fil-knisja u ngħix iżjed dak li nisma' u nifhem fi priedki, noveni, tridijiet, paniġierki, eżerċizzi li mmur nisma'.**

## X'DIFFERENZA!

M'ilux ħafna kont Katanja ma' ħabib tiegħi. Waqt li konna qegħdin nieħdu drink flimkien, ġew ħdejna grupp tfajliet Maltin. Sirna nafu li huma mudelli, iżda, anki kieku ma qalulniex li huma hekk xorta waħda konna naslu għal dik il-konklużjoni mill-imġiba tagħhom. Ftit qabel konna morna naraw monasteru ta' sorijiet Benedittini ta' l-Adorazzjoni Perpetwa u kellna okkażjoni nkellmu xi wħud minn dawk ir-reliġjużi ta' ħajja klawstrali. Xi wħud minnhom għandhom wiċċ ta' anġlu. Sieħbi li ma huwiex xi bniedem skupluż, meta rajna l-mudelli,



qalli: *"Bil-vanità kollha li għandhom fuqhom dawn il-mudelli lanqas joqogħdu daqshekk ħdejn is-sbuħija naturali u spiritwali li rajna fuq wiċċ is-sorijiet li għadna kemm konna għandhom! Ħdejhom ma jiswew xejn!"*

Wara l-kumment ta' sieħbi, ftakart fi kliem il-Papa Piju XII. Fl-Enċiklika Sacra Virginitas jikteb: *"When married folk, and even such as are sunk in the dregs of vice, cast their eyes on virgins, they are frequently astonished at the radiance of their limpid purity and feel the attraction of an ideal which eclipses the pleasures of sense. What Aquinas declares when he writes: 'To virginity ... superlative beauty is ascribed', is doubtless the reason why the pattern set by virgins exercises a universal fascination. Is it not also true to say that the perfect chastity practiced by so many men and women is the clearest evidence that this triumph of the soul over bodily passion is the work of divine grace and a mark of solid virtue?" (n.26).* •

**Agħmel, Mulej, li s-sbuħija smewwija li tidher fuq wiċċ ċerti nisa tiġbidni għal warajk, u terfagħli ruħi lejn is-sema, iżjed milli jħajruni għall-ħwejjeġ tad-dinja nisa oħrajn moħħhom wisq f'dak li jolqot l-għajn u fil-vanità.**






# HU ISBAĦ TAGĦTI MILLI TIRĊIEVI

**Il-Milied bħal snin oħra wasal u għadda wkoll bħal kwalunkwe ħaġa oħra fil-ħajja. Għal għadd kbir ta' bnedmin dan iż-żmien ifisser żmien ta' rigali, jagħtu u jaqilgħu, ikliet, żfin u divertiment. Din il-kultura ta' nfiq mhix biss ħaġa tad-dinja industrijalizzata, imma wkoll daħlet sew fil-pajjiżi hekk imsejħa fit-triq ta' l-iżvilupp. Il-Milied u l-festi marbutin miegħu ta' l-ewwel ta' kull sena ġdida jfissru għal ħafna minn dawn in-nies li jagħtu u jaqilgħu rigali.**

## RIGALI LILL-ĠENITURI

Fl-Afrika magħrufa bħala "sub Sahara" fejn il-Kristjaneżmu daħal sewwa, iż-żmien tal-Milied ifisser għal ħafna li jkunu jridu jgħaddu dan iż-żmien ma' l-għeżież tagħhom speċjalment meta l-ġenituri jkunu għadhom ħajjin. Dan għal ħafna jfisser tbatija. Qabel xejn, mhux fil-kultura ta' nies fl-Afrika li tmur idejk vojta għand xi ħadd. Xi ħaġa, imqar l-iċken ħaġa żgħira, iridu jieħdu magħhom kemm bħala espressjoni ta' mħabba li min ikun jilqa' dak ir-rigal imqar ċkejken jiftakar li ma kinux minsija kif ukoll biex ma jkunux imqar simbolikament ta' piż għand min se joqogħdu.

Fejn ikun hemm il-ġenituri ħajjin, l-ewwel obbligu li l-ulied iridu juru huwa lejhom. Għalkemm fl-ibliet fejn daħlet il-kultura konsumista tal-pajjiżi tal-punent, il-ġenituri, l-aktar meta jkunu xjuħ, jirtiraw fl-irħula

fejn twieldu, jaħdmu r-raba' li jkollhom u jrabbu xi annimali skond ma jkunu faddlu meta kienu jaħdmu jekk inzertaw sabu xogħol fil-belt. Il-pensjoni, li f'pajjiżna huwa dritt, fil-maġġur parti tal-pajjiżi teżisti biss fuq il-karta tal-liġi u s'hemm tasal.

Għalhekk l-ulied, avolja diġà jkollhom ulied xi jrabbu, jaraw kif jagħmlu biex il-missirijiet u l-ommijiet ma jkunux nieqsa. Tara wlied jiċċaħħdu anki minn platt ikel kuljum biex minn dak il-ftit li jfaddlu jkunu kuntenti li jgħadduh lill-ġenituri tagħhom. L-ulied jagħmlu saġrifiċċji kbar ekonomiċi, minħabba li l-pagi huma baxxi ħafna waqt li t-trasport pubbliku hu għoli. Fi żmien il-vaganzi tal-Milied, il-karozzi tal-linja li jmorru minn belt għal oħra jirduppjaw in-noll jekk mhux iktar ukoll. Minkejja dawn is-sagrifiċċji kollha, l-ulied bil-familji tagħhom tarahom sejrin sabiex jgħaddu mqar ftit jiem mal-ġenituri tagħhom li jkunu ilhom ma jaraw xhur sħaħ jew kważi sena u jkunu jistgħu jgħaddu minn dak li faddlu lill-ġenituri.

## JAQSMU FLIMKIEN

Ħafna minn dawn in-nies Afrikani huma neqsin minn dak kollu li f'Malta n-nies iħossuh bħala bżonn, bħalma huma l-*fridges*, *washing machines*, *micro-ovens*, eċċ... Ħaġa li tgħaġġibni hi kif fil-villaġġi n-nies jgħixu qieshom familja waħda. Is-sens ta' għaqda huwa qawwi ħafna fihom. Meta xiħadd minnhom ikun fil-bżonn, in-nies tar-raħal jgħinu minn dak li jistgħu sabiex dak l-individwu jew familja ma jbatux. L-istes fuq ix-xogħol fl-għelieqi huma jgħinu lil xulxin.

Mhux darba u tnejn li n-nies ma jkunux jistgħu jixtru tractors jew mezzi mekkaniċi u għalhekk iserrħu fuq l-annimali l-aktar fejn jirgħu. Imma l-iktar li tolqotni fihom hija meta jinġabru għall-quddies, għal dawk li huma kattoliċi. Waqt il-quddiesa tal-Ħadd, tarahom itellgħu l-offerti minn dak li l-Mulej ikun ipprovdilhom mill-għelieqi tagħhom, jew mill-annimali u wkoll minn dak il-ftit flus li jkollhom. U dawn sabiex l-għotjiet waqt il-quddies jitqassmu lil dawk ix-xjuħ jew familji l-iktar li jkunu jeħtieġu. U li jiskanta lil min ikun hemm jarahom hu li jwettqu dan mhux miż-żejjed li jkollhom, imma minn dak li għandhom għalihom.

Meta nara dawn il-valuri fost dawn in-nies tassew li l-kliem ta' l-Atti ta' l-Appostli **"kemm hu isbaħ li tagħti aktar milli taqla'"** narah isir realtà fil-ħajja ta' l-insara li tal-ftit li tajthom tawni ħafna iktar minn dak li d-deheb jew il-fidda jista' jagħti. •





# L-GĦOMJA JARAW

**Mindu d-Djoċesi ta' Malindi, Kenja, bdiet tieħu ħsieb il-morda b'għajnejhom, s'issa diġà għenet mijiet u l-ħidma kompliet tikber. Iżjed minn darba sibna tobba ta' l-għajnejn, kemm Kenjani kif ukoll Taljani li offrew li jinviżtaw il-morda ta' rħula sħaħ, jgħinuhom b'xi mediċina u jneħħulhom il-kataretti anki jekk b'sistemi xi ftit qodma.**



Issa ħejjejna sala li għandha sservi ta' klinika ta' l-għajnejn u xi ħbieb tawna l-istrumenti ewlenin biex ngħammruha bihom. Ħarriġna nurse f'kors speċjali biex ikun kapaċi jgħin fil-mard l-aktar sempliċi u jibgħat oħrajn fi klinika kbira. Fil-viċin ikun jista' jżur l-irħula mbegħdin ħafna u jagħtihom l-istess ħidma. Xi fatti li ltqajna magħhom jagħmlulna ħafna kuraġġ kemm lilna kif ukoll lill-benefatturi tagħna.

Sibna lil Fikirini, tifla ta' 13-il sena, f'nursery school, u li kważi ma kienet tara xejn. Fil-ġimgħa ta' qabel l-Għid bagħatniha għall-kura u wara żewġ żjariet ġiet tara u issa daħlet l-iskola primarja. Din tant kienet ferħana li marret tħabbat fuq il-bieb tal-ġirien kollha biex tgħidilhom li issa kienet tara!

Mara xiħa, wara l-operazzjoni, infexxet tibki bil-ferħ hekk kif għall-ewwel darba f'ħajjitha setgħet tara wiċċ it-tifel ta' bintha.

Raġel xiħ kien ilu s-snin ma jiġi l-knisja minħabba li ma kienx jara. Beda jiġi meta xi nsara offrew li jġibuh magħhom. Issa li reġa' ġie jara, ma jonqosx mill-quddiesa u t-tqarbin ta' nhar ta' Ħadd. Meta jkun jiflaħ, jiġi mqar fost il-ġimgħa.

Soru li fetħet skola tal-ħjata sabet ruħha quddiem problema: bosta min-nisa ma setgħux idaħħlu l-ħajta fil-labra... għax ma kinux jaraw sewwa. Allura kellna nibgħatu t-tobba jinviżtawhom kollha. L-aħbar xterdet, u tliet tobba Taljani kellhom imorru iżjed minn darba waħda, sakemm ikkuraw lil dawk kollha fl-inħawi tas-Sorijiet.

Din hi ħidma sempliċi, bi spiża mhux kbira ħafna, imma li tagħti ħajja ġdida lil min kien qies ruħu bħala piż fuq ħaddieħor. •

## Riżultat tal-Lotterija b'riżq il-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja - Milied 2005

**L-ewwel premju biljett nru. 189942**
Mrs Anne Farrugia
2, Triq is-Sardinell, San Ġwann

**It-tieni premju biljett nru. 14374**
Ms Evelyn Caruana,
"Gloria" Triq Sciortino , Żebbuġ

**It-tielet premju biljett nru. 6527**
Ms Maria Cauchi
178, Triq i-Kbira, Mellieħa

**Ir-raba' premju biljett nru. 12708**
Ms Rita Bonello
87, Triq l-Idmejda, Balzan

# Il-Ministeru tal-Kura tal-Morda u l-Franġiskani matul iż-żminijiet (3)



Ir-Revoluzzjoni Industrijali tas seklu dsatax ġabet magħha ħafna tibdil fl-Ewropa tal-punent. Eluf ta' nies ħallew il-kampanja u resqu lejn l-ibliet il-kbar biex jaħdmu fil-fabbriki u l-minjieri tal-faħam. Il-Franġiskani ma' baqgħux lura u huma wkoll organizzaw ruħhom biex ikunu jistgħu jilqgħu l-bżonnijiet soċjali u reliġjużi ta' dawn il-komunitajiet ġodda.

L-istess ġara fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fejn Franġiskani bdew jerġgħu jiftħu sptarijiet u knejjes[7]. Dawn l-isptarijiet Franġiskani kienu xempju ta' kura mhux biss tal-mard fiżiku tal-bniedem, imma kura tal-persuna sħiħa. Il-motto ta' dawn l-isptarijiet kien li ma tistax tissepara l-bżonnijiet tal-ġisem mill-bżonnijiet tar-ruħ u għalhekk il-pazjent kien jingħata kura kompleta kemm tal-ġisem kif ukoll tar-ruħ. Dawn l-isptarijiet Kattoliċi kienu l-mudell ta' sptarijiet oħra. Ir-reliġjużi ma setgħux jagħmlu x-xogħol kollu weħidhom għalhekk bdew jinfetħu skejjel ta' tagħlim għall-kura tal-morda li biż-żmien wasslu għan-Nursing Schools moderni.

Fil-perjodu ta' bejn l-1870 u l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914 -1918) in-numru ta' dawn l-isptarijiet Kattoliċi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika żdied għal mitejn u ħamsin. Wieħed mill-aqwa sptarijiet fl-Amerika llum, il-Majo Clinic, jaf il-bidu tiegħu lil Madre Alfred Moes li fl-1889 waqqfet sptar żgħir St Mary f'Rochester Minisota. Hija kienet avviċinat lil tabib Protestant Dr William Mayo biex jgħin fil-ftuħ ta' dan l-isptar. Biż-żmien dan l-isptar żgħir żviluppa f'dik l-istituzzjoni kbira ta' kura medika, riċerka u tagħlim fil-qasam mediku. Mayo Clinic hija magħrufa mad-dinja kollha. Fiha wieħed isib professuri, speċjalisti u tobba minn madwar id-dinja fosthom mill-gżejjer Maltin.



Fiż-żminijiet moderni dawn l-istutizzjonijiet Franġiskani kemm fl-Amerika u kemm fl-Ewropa nqabdu f'ambjent kumpless ta' kompetitività u żvilupp imgħaġġel fil-qasam mediku u tat-teknoloġija medika. It-tibdil soċjali ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija wassal għal żvilupp ieħor fil qasam mediku fejn il-kura medika bdiet tkun patronizzata mill-istat bit-twaqqif ta' sistemi nazzjonali tas-saħħa. Biex tkompli żżid il-kompetittività, inħolqu skemi privati tas-saħħa li komplew xejnu s-sehem tal-kongregazzjonijiet reliġjużi u tal-lajċi tal-Franġiskani.

Minkejja dan, il-Franġiskani xorta għadhom igawdu mill-post glorjuż ta' kura, speċjalment fost il-fqar skond l-ispirtu Franġiskan. Hemm min jgħid li l-istorja qed tirrepeti ruħha u erġajna ġejna għal żmien medjevali u l-bidu taż-żmien tan-Nofs. Hemm il-biża' li l-isptarijiet Franġiskani mhux se jkunu kapaċi jikkompetu mingħajr ma jitilfu l-identità tagħhom Franġiskana. It-trend hija li individwi Franġiskani jkunu huma li jidħlu fil-qasam tal-kura u jwettqu l-missjoni tagħhom fuq bażi personali. Dan qed isir fl-isptarijiet tagħna minn Patrijiet Kapuċċini bħala kappillani. Barra minn Malta dan ix-xogħol pastorali qed isir ukoll fi sptarijiet kbar. Min-naħa l-oħra hemm min isostni li dan mhux biżżejjed. Il-preżenza Franġiskana għandha tieħu forma oħra ta' kura diretta u tmexxija ta' istituzzjonijiet tas-saħħa billi tikkompeti direttament ma' istituzzjonijiet privati u pubbliċi. Fuq dan mhux kulħadd jaqbel. Din hija l-isfida tal-futur. L-għeruq kulħadd jafhom u kburi bihom u jistgħu jkunu ta' għajnuna biex ikun iffaċċjat il-futur.

**Referenzi:**

7 James Hardie, *The Description of the City of New York: Containing Its Population, Institution, Commerce, Manufactures, Public Builings, Courts of Justice, Amusements, etc.* (New York Samuel Marks, 1827). •



# POPOLARI, IMMA UMLI



**Filippo Neviani (magħruf bħala NEK fid-dinja tal-mużika) twieled f'Sassuolo, Reggio Calabria, fis-6 ta' Jannar 1972. Filippo, huwa raġel sabiħ, magħruf, maħbub u kuntent ħafna bl-għajnejn żoroq li għandu. In-nies tistagħġeb bih għax minkejja l-popolarità tiegħu, baqa' umli; m'għandux pretensjonijiet, is-suċċess ma telagħlux għal rasu; baqa' saqajh fl-art.**

Meta jispiċċa mill-impenji u l-ivvjaġġar li l-professjoni tiegħu titlob minnu, ma jarax il-mument li jmur lura d-dar u hemm jintasab jistrieħ. Filippo deċiż ukoll li meta jasal il-mument li jirtira, jibqa' joqgħod fid-dar fejn twieled f'Sassuolo u fejn hemm il-familjari u l-ħbieb tiegħu; fejn hemm id-dwieli u l-għelieqi li fil-ħin liberu tiegħu jieħu ħsieb flimkien ma' missieru u ħuh.

Jemmen ħafna li biex bniedem iħossu sħiħ, ikun komplut (kif jgħid hu), irid ikollu t-tfal, iħawwel siġra u jikteb ktieb.

Dwar siġar u pjanti, Filippo m'għandux problema, għax minn dawn ħawwel ħafna. Hu u l-għarusa tiegħu Patrizia jixtiequ jieħdu ż-żmien tagħhom biex ikollhom it-tfal għax bħalissa jinsabu



mħabbtin ħafna bix-xogħol. Il-biċċa xogħol l-oħra tal-ktieb qed joħodha bis-serjetà.

Il-ħajra li jesperimenta xi ħaġa differenti ġegħlitu jimbarka fuq dan il-proġett. Sa issa Filippo dejjem ikkomunika man-nies permezz tal-kant. Fil-kanzunetti tiegħu pprova juri sensibilità u emozzjoni, ipprova jqanqal lis-semmiegħa tiegħu; iferraħhom u forsi wkoll jipprovokahom. Il-ktieb huwa mod differenti kif wieħed jesprimi ruħu. Filippo jħoss li jista' jagħmel dan b'mod aktar faċli għax m'hemmx bżonn jimxi ma' ċerti regoli, bħal iqabbel linji, eċċ. Għalih li jippubblika ktieb hija sfida ġdida u differenti.

Hemm min forsi jidhirlu li din hija ċajta. Filippo jaħsibha mod ieħor, u anki jekk ma jirnexxilux jagħmel kapolavur mill-ktieb tiegħu, ikun sodisfatt xorta waħda għax ikun irnexxielu jesprimi lilu nnifsu b'mod ieħor. Irid juri lilu nnifsu x'kapaċi jagħmel u għalhekk se jiddedika l-ktieb għalih innifsu. Qed jagħmel dan bi skop.

L-idea tal-ktieb ġietu waqt li kien fis-sodda jara kif jagħmel biex jiġih in-ngħas u jorqod. Kien kollu għalxejn jitqalleb 'l hawn u 'l hinn. Fl-aħħar qam mis-sodda u mingħajr ma kien jaf kif, intefa' quddiem il-kompjuter. Beda jikteb xi punti u episodji minn ħajtu li ġew f'moħħu dak il-ħin, mingħajr ebda ordni preċiża. Wara ftit tal-ħin sewwa beda jħossu ġej in-ngħas, mar lura fis-sodda u raqad.

## Għaddew ix-xhur u baqa' jniżżel noti ta' kull ma jiġih f'rasu.

Tkellem dwar din in-namra ġdida tiegħu ma' ħabib antik tal-qalb li nkoraġġih ħafna. Kienu jgħaddu ħinijiet twal flimkien jiddiskutu ċerti partijiet u episodji, għax il-ktieb kien ibbażat fuq Sassuolo, fuq in-nies, id-drawwiet, il-mużika, il-kantanti żgħażagħ li għad ma kien jaf bihom ħadd. Dawn kienu jdoqqu u jkantaw waqt xi festa ta' tieġ biex idabbru dik ix-xi ħaġa, kif kien jagħmel hu stess qabel intefa' b'ruħu u ġismu fil-karriera mużikali tiegħu.

Min jaf kemm-il darba kien ikun mal-ħbieb f'xi kantina u hemm jibda jkantalhom. Illum kultant ikun hemm xi ħadd li jfakkru f'dan iż-żmien. Filippo jiħmar bil-mistħija, imma ma jiddejjaqx, għax il-ftaħir dirett lejh min-nies, għalkemm jieħu pjaċir bih, ma jkabbarlux rasu.

Fuq il-palk isejjaħ lilu nnifsu NEK, imma hekk kif jirritorna lejn Sassuolo, lejn id-dar u lejn l-għelieqi fejn għandu anki makkinarji tal-ħrit, jerġa' jsir Filippo. Il-passjoni li għandu għar-raba u għal dak li jkabbar fih, hija kbira u l-għaxqa tiegħu jħawwel u jiżra' l-prodotti ma' missieru u ma' ħuh. Moħħu dejjem iberren li jrid jibqa' jgħix f'Sassuolo, imdawwar bit-tfal, u bit-tfal tat-tfal.

NEK jaf is-suċċess tiegħu lil dan il-villaġġ li tah il-ħajja. Fih kiteb il-parti l-kbira tal-kanzunetti tiegħu. Oħrajn kitibhom waqt vjaġġi twal minn u lejn Sassuolo. F'Sassuolo jrid jiżżewweġ lit-tfajla ta' qalbu Patrizia li taħdem miegħu, tivvjaġġa miegħu u li se tkun omm it-tfal tiegħu. Mhux biss, imma Filippo jrid ukoll li wliedu jitwieldu f'Sassuolo.

Jittama li dan kollu jseħħ għax ikun laħaq l-għan tiegħu: **dak li jħawwel siġra, jikteb ktieb u jkollu t-tfal.** •





# IL-KONSISTENZA

**Ebda tim ma jista' jirbaħ il-League jekk ma jkunx konsistenti fil-logħob tiegħu. Għalxejn tirbaħ logħba jekk titlef ta' warajha. Ħafna timijiet jibdew l-istaġun tajjeb, imma mbagħad jitilfu r-ritmu u jibdew jitilfu. Oħrajn jirbħu logħbiet kontra timijiet kbar u wara jitilfu kontra timijiet żgħar bir-riżultat li jonqsu li jirbħu l-league.**

Meta konna żgħar, ilkoll kemm aħna bdejna tajjeb il-ħajja spiritwali tagħna. Konna mmorru l-Museum biex nitgħallmu l-kelma t'Alla; meta għamilna l-ewwel tqarbina konna nqumu kmieni biex nitqarbnu kuljum u l-ġenituri tagħna kienu jieħdu ħsieb li nkomplu bit-tagħlim reliġjuż tagħna biex nagħmlu l-Griżma ta' l-Isqof.

Bdejna nikbru; mill-quddies bdejna naqbżu xi ġurnata jew tnejn sa ma wasalna li nisimgħu biss il-quddiesa tal-Ħadd biex inżommu l-preċett tal-Knisja. Il-konsistenza tagħna fil-ħajja spiritwali bdiet tonqos għalkemm kultant konna niġbru xi punti billi nassistu għal xi funzjoni reliġjuża jew nagħmlu xi att ta' mħabba mal-proxxmu tagħna.

Kbirna u sirna adulti. Iżżewwiġna u kellna t-tfal. Il-ħajja materjali ħakmitna u Ġesù, għal bosta minna, sar it-tieni għażla. Ma baqax jokkupa l-ewwel post f'ħajjitna għax aħna aktar interessati fix-xogħol u f'attivitajiet oħra. Kollox sar importanti barra li nikkomunikaw ma' Dak li ħalaqna. F'kelma waħda daħlet l-indifferenza f'dak li hu spiritwali. Ma jfissirx li nsejna għal kollox lil Ġesù, imma ma baqax l-ewwel għan tagħna bħal ma kien qabel. Il-quddiesa ta' kull nhar ta' Ħadd saret l-unika darba li naħsbu xi ftit fih.

Il-players li ma jipprattikawx fit-taħriġ isibuha bi tqila li jilagħbu logħba sħiħa mingħajr ma jgħajjew. L-istess jista' jingħad għal dawk l-individwi li jridu jimxu lejn Alla, imma ma għandhomx stamina biżżejjed biex jispiċċaw il-mixja. Niftakru x'qal Ġesù li t-triq li tagħti għalih hi mimlija ħofor u ostakoli oħra. Neħtieġu stamina kbira biex nimxu f'din it-triq għalhekk għandna bżonn ta' aktar taħriġ bit-talb u l-frekwenza tas-sagramenti, speċjalment billi nirċievu t-tqarbin imqaddes aktar spiss. Bħall-players li ma jistgħux jilagħbu tajjeb jekk ma jiklux l-ikel neċessarju għall-ġisem, hekk ukoll min irid ikompli l mixja tiegħu lejn Ġesù għandu bżonn l-ikel li jgħinna – **it-Tqarbin**.

Din is-sena ( Ottubru 2004 – Ottubru 2005) hi s-sena ta' l-Ewkaristija. Il-Konċilju Vatikan II jgħid li ***"l-Ewkaristija hi l-qalb u l-quċċata tal-ħajja nisranija."*** Mingħajr il-qalb il-ġisem imut. Mingħajr it-tqarbin ruħna tmut. Jekk irridu nkunu konsistenti fil-ħajja spiritwali tagħna u nilħqu l-quċċata tal-ħajja nisranija bilfors irridu nieklu dan l-ikel qaddis li hu l-karboħidrati ta' ruħna u li jgħinna biex nibqgħu konsistenti fil-għan spiritwali tagħna. •



# APPOSTOLAT TAT-TALB

***Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2006.***

## L-OFFERTA TA' KULJUM

Alla Missier, noffrilek dan il-jum, bit-talb, il-ħsibijiet, il-kliem, il-ħidma, il-ferħ u t-tbatija kollha tiegħi f'għaqda sħiħa ma' Ġesù Ibnek, li jkompli joffri lilu nnifsu fl-Ewkaristija għall-ħelsien tad-dinja. Agħmel li l-Ispirtu s-Santu, li mexxa lil Ġesù, imexxi lili wkoll u jkun ta' qawwa għalija biex inkun xhud ta' l-imħabba tiegħek. Ma' Marija, omm il-Mulej u omm il-Knisja, nitolbok b'mod speċjali skond il-fehmiet tal-Papa għal dan ix-xahar.

## MARZU

- **Biex iż-żgħażagħ li qed ifittxu s-sens tal-ħajja jisibu lil min jifhimhom, jirrispettahom u jimxi magħhom bil-paċenzja u bl-imħabba.**
- **Biex mal-Knisja kollha kulħadd jifhem li għandu sehem x'jagħti fil-ħidma missjunarja ħalli dawk fil-Missjonijiet isibuha eħfef jikkollaboraw u jitqassmu bejniethom.**
- **Ħalli l-insara ta' pajjiżna jagħrfu aħjar il-valur tas-sagrifiċċju, u waqt li jgħaqqdu tbatijiethom ma' dawk ta' Kristu, joffruhom lil Alla.**

# SANTA MARIJA ADDOLORATA

## xemgħa u drapp: 20 x 19cm
## Lorenzo Politi (1815-1876)



**Id-dħul tal-figuri tax-xemgħa fil-Knisja huwa mċajpar ħafna. Hemm min jgħid li f'ċerti żminijiet il-Papiet kienu jbierku u jqassmu x-xbieha ta' "ħaruf" stampat fuq disk tax-xemgħa ta' għamla tonda jew ovali b'dijamentru ta' bejn pulzier ju sitt pulzieri. Waħda minn dawn tinsab fil-Mużew tagħna. Il-ħaruf kien ikollu fuq spallejh salib jew bandiera żgħira, b'rabta simbolika max-xemgħa u l-ħaruf ta' l-Għid li jissemma fi żmien il-Papa Kosimu fis-sena 418 (Pat. Lat. LXII, 259, 261). Imma nafu sewwa li hekk kien isir fil-Liturġija ta' żmien il-Papa Girgor XI fl 1370. Imqar fil-gżejjer tagħna, ma nafux sew meta daħlet l-arti tal-figuri magħmulin mix-xemgħa kemm fil-knejjes u kemm fid-djar privati. Mas-seklu XVIII 'il hawn insibu bosta "Bambini" maħdumin b'arti fina u mżejnin fi fjuri tal-"cantiglia" (ganutell), kif ukoll statwetti u pasturi tax-xemgħa miżbugħa fi presepji.**

L-istatwetta tal-Madonna Addolorata b'binha Ġesù mejjet mitluq fl-art imma b'rasu tistrieħ fuq irkobbtejha waqt li hi qegħda tħares lejh imnikkta b'maktur f'idejha, hija kompożizzjoni mirquma u sabiħa ħafna meqjusa bħala xogħol tar-Rev. Lorenzo Politi, Kanonku tal-Kolleġġjata tal-belt Vittoriosa, li għex bejn l-1815 u l-1876. Barra mill-valur artistiku tagħha, din il-kompożizzjoni turi, bl-espressjoni ta' wiċċ il-Madonna, it-tbatijiet u l-weġgħat li ħasset f'qalbha, kif kien ħabbrilha Xmun fit-tempju **"Sejf għad jinfidlek ruħek"** (Lq 2:35). Xogħol ieħor tal-Kanonku Politi huwa l-presepju bil-pasturi tax-xemgħa li jinsab fil-Mużew ta' l-Arti, il-belt Valletta. •



# SAN ĠUŻEPP FL-AĦBARIJIET

**Miġbur minn artiklu ppubblikat fit-*Time Magazine* tad-19 ta' Diċembru 2005.**

**Erbat ijiem qabel il-Milied ta' l-1994, John David Edington, ta' 22 sena, kien qed isuq lejn id-dar fix-xita meta tilef il-kontroll tal-karozza, baqa' dieħel f'siġra u miet mad-daqqa. Huwa kien tifel addottat ta' ministru tar-reliġjon evanġelika li kien rispettat ħafna. Ir-reverendu Edington ħass ħafna t-telfa ta' ibnu iżda minflok ingħalaq fin-niket tiegħu, għamel tliet prietki tal-Milied fuq suġġett li qatt ma kien tkellem fuqu qabel. Tkellem dwar Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija u l-missier adottiv ta' Ġesù. Mhux talli hekk, talli qabad jikteb ktieb dwar ir-relazzjoni li kien hemm bejn il-missier u l-iben skond l-Iskrittura.**

Ma damx wisq jikteb għax sab li Ġużeppi deher biss fl-istorja tat-twelid ta' Ġesù skond San Mattew u iktar fil-qosor skond San Luqa. Ma sab xejn iżjed dwar dan il-missier famuż. Il-Bibbja qatt ma tikkwota direttament dak li kellu xi jgħid. Għalhekk iddeċieda li jmur 'l hemm mit-Testment il-Ġdid u qabad jagħmel riċerka minn sorsi mhux bibliċi. Fis-sena 2000 ħareġ il-ktieb irqiq bl-isem ta' *The Forgotten Man of Christmas: Joseph's Story*. Fih għamel analiżi biblika u nkluda wkoll l-istorja tal-familja tiegħu, speċjalment ta' ibnu l-mejjet. Ir-reverendu Edington jammetti li dan jista' jidher proġett stramb speċjalment għall-Protestanti li qatt ma għarfu jew ikkonsidraw il-qdusija ta' Ġużeppi. Huwa jgħid li *"hemm valur spiritwali kbir fl-istorja ta' Ġużeppi meta tgħaqqad studju serju tal-Bibbja ma' ftit immaġinazzjoni rikreattiva."*

Dan l-aħħar għamlu oħrajn bħalu, speċjalment iż-żewġ kittieba magħrufa Anne Rice bil-ktieb tagħha *Christ the Lord: Out of Egypt* u Jerry Jenkins b'*Holding Hands* fis-serje *Left Behind*. Fi żmien il-Milied li għadda, kien hemm verżjoni ta' dan l-aħħar ktieb fuq iktar minn 300 stazzjon tar-radju. Iż-żewġ awturi kellhom jaħdmu madwar in-nuqqas ta' informazzjoni fl-Iskrittura. Ħajjet Ġużeppi tidher mimlija sewwa: wara d-dubji dwar il-kundizzjoni ta' Marija, ikollu t-tħabbira tiegħu f'waħda mill-erba'



ħolmiet; jiżżewwiġha u jeħodha Betlem; jaħrab ma' l-omm u t-tifel lejn l-Eġittu biex jipproteġihom mill-qilla ta' Erodi; u fl-aħħarnett jissetilja magħhom f'Nażaret. Iżda din kienet ħajja b'ħafna nuqqasijiet ta' dettalji importanti. Ma tissemmix il-preżenza tiegħu waqt it-twelid ta' Ġesù jew fiż-żjara tar-rgħajja. Ftit li xejn nafu dwar il-vjaġġ iebes lejn l-Eġittu. L-aħħar referenza li hemm dwaru hija sentenza waħda meta ntilef it-tifel ta' tnax-il sena li jagħmel distinzjoni xi ftit ħarxa bejn il-ġenituri tiegħu fuq din l-art u l-veru "Missieru". Barra minn dan, ma nsiru nafu xejn dwar il-mewt ta' Ġużeppi.

Iżda dan in-nuqqas kollu jista' joffri ċerta libertà fil-kitba. Dawn it-tliet kittieba moderni jipparteċipaw fi tradizzjoni antika u ħajja fl-istess ħin. Mill-bidu tal-Kristjaneżmu dejjem ingħata kulur lill-karattru ta' Ġużeppi. Il-Papiet għamluh mudell bħala Missier tal-Familja, bħala ħaddiem u Patrun tal-Knisja universali. L-ewwel insara qatt ma aċċettaw ċerti proposti li Ġesù seta' kien ibnu tassew jew li l-Madonna seta' kellha iktar tfal minħabba l-versi fl-Iskrittura li jsemmu "ħut" Ġesù. Biex iwieġbu għal dawn l-"akkużi" tfaċċa sett ta' kotba magħrufa bħala Apokrifa.

L-iktar wieħed minnhom li jelabora l-istorja ta' Ġużeppi ħareġ fit-tieni seklu bl-isem ta' Il-Protevangelium ta' Ġakbu. Fih insibu l-istorja tat-tfajla Marija, li b'riżultat ta' tqala mirakuluża, tikber fit-tempju tal-Lhud u tirċievi l-ikel minn idejn anġlu. Meta titfarfar, ma tistax tibqa' fit-tempju u l-qassis il-kbir ifittex lil xi ħadd verġni biex jieħu ħsiebha. Bl-għajnuna tas-sema, huwa jiġbor il-bsaten tar-romol f'Iżrael u jitlob fuqhom waqt li jistenna sinjal. Jerġa' jagħti lura l-bsaten meta f'daqqa waħda ħamiema toħroġ mill-bastun ta' Ġużeppi u ttir għal fuq rasu. Ġużeppi jipprotesta filwaqt li jgħid, *"Jiena raġel xiħ u hi għadha tifla. Marridx indaħħaq in-nies bija."* Imma fl-aħħar iċedi.

Skond il-Protevangelium, Ġużeppi bħala raġel xiħ huwa protezzjoni għall-verġnità ta' Marija u bħala armel hemm spjegazzjoni għal min kienu ħut Ġesù. Apokrifi oħra fihom ħafna iktar stejjer u dettalji. Fil-ħarba lejn l-Eġittu nsibu draguni ħdejn ix-xmara Nil jinżlu għarkubbtejhom quddiem it-tarbija u s-siġar tal-palm jitbaxxew biex joffru l-frott tagħhom. Niltaqgħu ma' ħalliel li iktar tard ikun il-ħalliel it-tajjeb li ġie msallab ma' Ġesù. Din il-mawra fl-Eġittu tagħmel lil Ġużeppi l-qaddis favorit tal-Knisja Koptika Eġizzjana li tiddiskrivi l-mewt tiegħu fl-età ta' 111 sena mdawwar b'Marija u Ġesù ta' tmintax-il sena.

Għalkemm l-Ortodossi tal-Lvant jaċċettaw li Ġużeppi kien armel u kellu t-tfal, San Ġlormu jsejjaħ dawn il-kotba "deliria" u jgħallem li Ġużeppi kien verġni bħal Marija u li "ħutu" kienu kuġini. Iktar tard il-Protestanti kienu tal-fehma li kien hemm tfal oħra minbarra Ġesù, filwaqt li s-Santi Padri ddibbattew jekk l-għaqda ta' bejn Ġużeppi u Marija setgħetx tissejjaħ żwieġ u jekk Ġużeppi setax jissejjaħ missier Ġesù. Forsi għalhekk huwa dam ħafna ma sar qaddis popolari fost l-insara. Ismu deher għall-ewwel darba fil-lista tal-qaddisin fis-sena 1000. Fl-arti nisranija tal-bidu, San Ġużepp ma kienx jidher fix-xena tan-Nativitā, jew jekk jidher kien ikun għalih waħdu, raġel xiħ u qargħi jew b'leħja bajda.

Kien fl-aħħar tas-seklu 13 li Ġużeppi beda jissemma u jingħata importanza. Kien żmien ta' għaks, mard, gwerer u taqlib u nkwiet anki fil-knisja. Inħass il-bżonn ta' xi ħadd bħala mudoll u protettur tal-familja u tal-Knisja. Jean Gerson, kanċellier ta' l-Università ta' Pariġi, ma qabilx li Ġużeppi sata' qatt ħarab lejn l-Eġittu meta kellu 90 sena u kkalkula li meta twieled il-Messija huwa ma kellux iktar minn 36 sena. Kien missier li jaf iħobb, irabbi u anki jfissed lil ibnu. San Bernardinu ta' Siena wkoll faħħar lil Ġużeppi bħala amministratur għaqli kemm fl-Eġittu kif ukoll fil-ħanut tal-mastrudaxxa f'Nażaret. Kemm Gersen kif ukoll Bernardinu kienu jemmnu li Ġużeppi kien tant qrib il-Messija u ommu li bħalhom huwa ġie meħud is-sema bir-ruħ u






bil-ġisem. *"B'hekk,"* jgħid San Bernardinu, *"bħalma bħala l-iktar familja qaddisa huma għexu flimkien f'din id-dinja f'ħajja iebsa u f'imħabba kbira, issa wkoll huma jinsabu fil-glorja ta' mħabba fil-ġenna."*

B'hekk il-Familja Sagra saret popolari u minn bniedem xejn magħruf, Ġużeppi sar wieħed mill-aqwa personaġġi fid-dinja reliġjuża. *"Għaliex ma nitolbux lil San Ġużepp?"* isaqsi Bernardinu. *"Kristu issa ma jistax jirrifjuta lil Ġużeppi dik l-intimità, qima u l-ikbar unur li kien jagħtih hawn fl-art bħala iben ta' missieru."* Wara li Tereża ta' Avila talbet lil San Ġużepp biex ifejjaqha mill-paraliżi, hija addottatu bħala *"l-veru missierha"* għax qalet li *"fil-ġenna Alla jagħmel kull ma jordnalu."* Hija għamlet il-familja ta' Nażaret bħala l-mudell ta' l-Ordni li waqqfet u semmiet tnax mis-sbatax-il monasterju tagħha għal Ġużeppi. Mhux fl-Ewropa biss li San Ġużepp sab appoġġ kbir, iżda wkoll fid-dinja l-ġdida fejn għadu sa llum patrun tal-Kanada u tal-Messiku.

Ħa dehra ġdida anki fl-arti sagra. Fl-1570 Joannes Molanus tah bixra żagħżugħa fil-pittura tiegħu. Ma baqax iżjed xiħ u qargħi. L-istess għamel il-kbir pittur Murillo u oħrajn bħalu.

It-twemmin ta' San Ġlormu biddlu f'patrun tal-verġni bħalma l-istat paternali tiegħu għamlu patrun tal-familja. Ix-xena apokrifa tal-mewt tiegħu mdawwar b'Ġesù u Marija għamlitu wkoll patrun ta' mewta tajba. Fl-1955 il-Papa Piju XII iddikjara t-tieni festa tiegħu fl-1 ta' Mejju bħala l-patrun tal-ħaddiema. Fl-1962 il-Papa Ġwanni XXIII inkluda ismu fil-kanone tal-quddiesa – l-ewwel żieda li qatt saret f'1,300 sena.

U llum forsi l-iktar bniedem li qed juri interess kreattiv fil-merti ta' San Ġużepp huwa Protestant. Fil-ktieb tiegħu, Jenkins għandu biss żewġ xeni: waħda fl-Eġittu b'Ġużeppi jipprova jraqqad lit-tifel waqt li jiddeskrivilu l-mirakli ta' ħajtu s'issa u l-oħra tletin sena wara f'Nażaret fuq is-sodda tal-mewt tax-xwejjaħ li jipprova jġagħal lil Ġesù jgħidlu l-istorja kiefra tal-ġejjieni tiegħu u l-aħbar it-tajba għall-umanità. Il-ktieb iqanqal interess f'min qatt ipprova jraqqad tifel fuq ruħu jew żamm idejn missier marid f'soddtu. Meta Ġużeppi fil-bidu jgħid lil ibnu, *"Waqt li kont f'dirgħajja ħassejtni qed inżomm il-ġenna,"* il-qarrej nisrani jemminha.

Il-Protestanti minn dejjem ħassewhom iktar skomdi bil-Madonna milli b'San Ġużepp, anki jekk ftit urew interess fih jekk mhux fl-Avvent u fil-Milied. Ir-reverendu Edington qed jimxi mat-tendenza riċenti tagħhom li jirriflettu fuq ir-relazzjoni bejn Ġesù u Ġużeppi. Huwa jikteb bl-umiltà iżda b'sentimenti qawwija dwar l-għaqda fil-fidi bejn missier u iben li mhumiex relatati fil-ġisem. Il-ktieb tiegħu jagħlaq b'meditazzjoni fuq il-qawwa ta' l-imħabba speċjalment jekk il-maħbub huwa Alla – bil-mudell ta' Ġużeppi bħala bniedem tal-fidi. *"Ġużeppi ħa l-iben t'Alla f'daru f'Nażaret u b'hekk ipprovda lil Ġesù bl-okkażjoni li jikber f'familja normali u kollha mħabba,"* jikteb Edington. *"Ġużeppi ħa l-iben t'Alla f'qalbu u b'hekk sab l-għan ta' ħajtu fl-għanjiet ikbar t'Alla."* Mbagħad jgħid lill-qarrej, *"It-talba tiegħi hi li int tagħmel l-istess ħaġa."* •



# BRIAN DOERKSEN

## L-ARTIST U KANTANT



**Brian Doerksen, li huwa kantant u kompożitur ta' mużika praise and worship, ta ħajtu kollha lill-Mulej biex iservi fi ħdan il-Knisja u l-komunità tiegħu. Dan minkejja diffikultajiet li għadda u għadu jgħaddi minnhom. Qed nirreferi għall-falliment finanzjarju li kellu meta nvesta ħafna flus f'musical u dan falla, kif ukoll dwar tlieta minn uliedu li huma morda bil-fragile X Syndrome (marda relatata mad-Downs Syndrome). Brian malajr induna li Alla ma jridux ifaħħar u jkanta biss meta jħossu f'saħħtu, imma aktar u aktar f'mumenti ta' qtigħ ta' qalb u falliment. Hu għalhekk li ħafna mill-kant li ħareġ mill-pinna ta' dan il-kantant jolqot il-kordi kollha tal-qalb, għax jitkellmu dwar esperjenza konkreta ta' tbatija mwieżna mill-fidi f'Alla Missier.**

Dwar l-aħħar album li huwa kiteb, Today, Brian jgħid li dan il-proġett jitkellem dwar dawk li jkunu nofs triq fil-mixja tagħhom lejn il-Mulej Gesù. Nies bħal dawn għandhom għażla: jew jitilqu kollox u jerġgħu lura għall-ħajja ta' qabel, inkella jibqgħu jsusu 'l quddiem fil-mogħdija tal-Mulej. Il-fedeltà lejn il-missjoni tiegħu, li Brian dejjem wera, hija xi ħaġa ta' l-għaġeb, meta tqis id-diffikultajiet u l-piżijiet kultant kbar li sab ma' wiċċu. Il-kliem tas-songs tiegħu ifur b'karba lejn Alla u bi stedina għat-tifħir tal-Ħallieq. Insemmu pereżempju, songs bħal Come, now is the time to Worship, Refiner's Fire, Faithful One u I lift my eyes up.

Inħarsu ftit lejn l-album Hungry (Falling on my Knees) li Brian ħareġ flimkien mal-Vineyard Christian Fellowship fl-2001. Int u tisma' din il-praise and worship session tħossok miġbud biex tadura 'l Alla, tokroblu fid-dgħufija tiegħek, tistiednu jieħu kontroll ta' ħajtek. Hija laqgħa intima mal-maħbub tiegħek li ħadd u xejn ma jista' jiċħadlek.

Is-song Hungry, li biha jibda dan l-album, tgħid hekk: *"Hungry, I come to you, for I know you satisfy. I am empty, but I know your love does not run dry. And so I wait for you, so I wait for you... Broken, I run to you, for your arms are open wide. I am weary, but I know your touch restores my life."* (Imġewwaħ, niġi għandek, għax naf li inti tissodisfani. Jien vojt, imma naf li mħabbtek qatt ma tinxef. Għalhekk nistenniek, nistenniek... Imkisser, niġri lejk, għax dirgħajk huma miftuħin beraħ. Jien għajjien, imma naf li meta tmissni terġa' ttini l-ħajja.). •

## INĦOBBHOM L-ISTEJJER

# CHRIS SAR ĦAFNA AĦJAR



Chris kien tifel ta' għaxar snin. Kien jaf jaqra u jikteb tajjeb, imma ma tantx kien iħobb jgħin. Hu kien il-kbir u ommu kellha żewġt itfal oħra, Peter ta' erba' snin u Marija ta' sentejn. L-omm spiss kien ikollha tibgħat lil Chris jaqdiha. Darba ġieh f'moħħu li jiktbilha ittra. Qalilha:

- **"Ma, kemm għandek ittini flus talli qdejtek;**
- **mort fuq inġiblek il-ħwejjeġ ta' ħuti sitt darbiet din il-ġimgħa;**
- **mort nixtri għand tal-ħanut għaxar darbiet din il-ġimgħa;**
- **ġbart il-ġugarelli ta' ħuti għoxrin darba u saqqejt il-qsari darbtejn."**

Il-mama ta' Chris kitbitlu ittra oħra biex tgħallmu. Qaltlu: *"Maħbub tiegħi Chris, il-mama u l-papa qed iħallsulek l-iskola, ħafna flus taf! Qegħdin jagħtuk tiekol tajjeb u tilbes tajjeb, ħafna flus taf! Qegħdin iħallsulek it-tabib u l-medicini, ħafna flus taf! Chris, aħseb kemm u kemm qed nonfqu flus imħabba fik;* ***imma aħna nħobbuk, dan nagħmluh bil-ferħ għax inħobbuk."***

Chris qara l-ittra t'ommu u fehem sewwa kemm ma kienx qed iħobb lil ommu u lil missieru biżżejjed; iddispjaċih u minn dakinhar beda jħobb iktar lill-ġenituri tiegħu u iktar jaqdihom bil-qalb.





## MEDITAZZJONI

**minn Richard Gatt**

Fuq għuda fil-għoli
L-imqaddes salib,
Jien nilmaħ imdendel
Lill-għeżeż ħabib

Imnikkta hemm taħtu
Tinsab Ommu Marija,
Salvazzjoni dawn fasslu
Għalik u għalija

Mi'ġruh u bajdani,
Mdemmi bid-dmija,
Offra ħajtu dan b'rahan
Biex jeħlisni mill-ħtija.

Xejn ma kien jonqsu
Kien ALLA setgħani,
Mitluf le għal dejjem
Ma ridx li jarani.

Tibżax, għażiż ibni,
M'intix għadu tiegħi
Permezz ta din l-għuda
Għamiltek ħbieb miegħi.

Ibqa itlob u isgħar
Kuljum bla waqfien;
Kienet l-għuda mqaddsa
R-rahan tal-ħelsien

Aħfirli ħtijeiti
Nitolbok, Mulejja,
Ilqani f'pajjiżek
X'ħin nagħlaq għajnejja.

Midneb u niedem
Minn dnubieti sogħbien
Pajjiżi hu l-ġenna
Ksibt għalija l-ħelsien.

# It-Tarka u x-Xabla



**Inkomplu s-sensiela fuq l-uġigħ fis-sider (UFS). Did-darba nittrattaw fuq il-kawżi li jiġu mill-pulmun. Mhux kull UFS huwa ġej mill-qalb. Xi drabi dan jiġri minħabba problemi li jkunu qegħdin jiġru ġewwa l-pulmun.**

Il-pulmun huwa l-organu fil-kaxxa tas-sider li bih nieħdu n-nifs. Huwa bħal sponża magħmula minn bżieżaq żgħar ta' tessut tal-pulmun (alveoli) li minnhom tgħaddi l-arja sabiex jidħol l-ossiġnu fil-ġisem u joħroġ il-carbon dioxide li l-ġisem jeħtieġ jarmi 'l barra. Huwa mqassam fi tnejn fuq kull naħa tal-qalb u jmiss magħha. Fuq barra huwa miksi b'rita rqiqa sensittiva ħafna li mbagħad tmiss ma' rita oħra li taqbad mal-kaxxa tas-sider minn ġewwa. Din jgħidulha l-plewra.




***Pneumothorax*** hija dik il-kundizzjoni li tiġri meta tidħol l-arja bejniet il-plewra. Hawnhekk is-soltu ma jkunx hemm arja u l-pulmun jibqa minfuħ propjru minħabba f'hekk. Appena tidħol l-arja, il-pulmun ta' naħa waħda jikkollassa u jitgħaffeġ u l-arja li tidħol fiħ tonqos. L-arja tidħol meta waħda mill-alveoli tinfaqa'. Fil-mument li jiġri dan, il-persuna tħoss uġigħ penetranti fuq naħa waħda tas-sider, li ġeneralment jibqa', u jista' jkun assoċjat ma' qtugħ ta' nifs. F'xi każijiet l-arja tinqabad ġewwa taħt pressjoni u tista' ġġib ħass ħażin u kollass li jista' jkun perikoluż għall-ħajja. Għalhekk trid tingħata attenzjoni medika immedjata. Il-kura hija li l-arja tinġibed 'il barra u l-ġisem isewwi t-toqba li minnha daħlet l-arja oriġinarjament. It-tipjip huwa fost l-affarijiet li jżid ir-riskju ta' ***pneumothorax***.

Infezzjonijiet tal-pulmun jistgħu jagħtu l-UFS. Dan mhux komuni ħafna għax l-iktar li tħoss f'infezzjoni tal-pulmun huwa deni, sogħla, u qtugħ ta' nifs. Iżda meta tiġi rritata l-plewra, dan jista' jagħti uġigħ man-nifs (plewrite). Anki meta l-infezzjoni tkun iktar ikkonċentrata fil-pajpijiet tan-nifs (trakeobronkite), l-uġigħ irritanti fis-sider ikun fiċ-ċentru ma' kull nifs. Minbarra t-trattament ta' l-infezzjoni, ikun jeħtieġ mediċina biex tikkontrolla l-uġigħ.

Trombożi fil-vini fondi tas-saqajn tibda ġeneralment b'nefħa fuq naħa waħda tar-riġel. L-emboliżmu pulmonari jirriżulta meta trombożi fil-vini fondi tas-saqajn tiċċaqlaq u titla' 'l fuq, tgħaddi mill-qalb u teħel fl-arterji tal-pulmun. Hawnhekk ma jkunx jista' jgħaddi demm lejn parti mill-pulmun. Jekk din il-kundizzjoni tkun qawwija,



tista' tkun fatali u għalhekk hija serja. L-UFS ġeneralment ikun man-nifs u ħafna drabi ikun hemm ukoll qtugħ ta' nifs. Ir-riskji għal din huma fost oħrajn il-pillola kontraċettiva, it-tipjip, it-tqala, titjir bl-ajru fit-tul, u xi kundizzjonijiet kroniċi. Il-kura tingħata b'mediċina li traqqaq id-demm bħall-warfarina.

## IT-TARKA

- Ma nistax nemfasizza iktar l-importanza li wieħed jieqaf ipejjep sabiex nevitaw dawn il-kundizzjonijiet kollha u oħrajn magħhom. Issieħeb fi programm ta' kontroll tat-tipjip jekk inti tħoss li ma tistax tieqaf waħdek. Għal iktar għajnuna tista' ċċempel id-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa fuq 23266000
- Jekk tuża l-pillola kontraċettiva, anki għal raġunijiet mediċi, tpejjipx
- Jekk tinnota xi riġel minfuħ iktar mill-ieħor, irrikorri għand it-tabib
- Waqt vjaġġ fit-tul fuq ajruplan, ixrob fluwidi spiss, għamel eżerċizzi b'saqajk waqt li tkun bilqiegħda u qum bilwieqfa kull sagħtejn u imxi ftit
- It-tilqim kontra l-influenza u xi mikrobi oħrajn bħall-pneumococcus huma importanti speċjalmont għal dawk li huma f'riskju għall-infezzjonijiet tal-pulmun

Nixtiqilkom is-saħħa.

***Jekk għandek xi diffikultà fuq xi informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.*** •

 P. William Axiaq OFMCap



**Patri, jiena mara msallba waħda sew bir-raġel. Xi rrid ngħid. Għandi raġel li nħoss li lili ma jifhimnix bħala mara. Ma jridnix immur għand il-hairdresser biex niżbogħ xagħri, speċjalment jekk niżbgħu b'ċertu mod; ma jridnix nuża ċerta fwieħa għax iddejjqu, ma jridnix bil-*cutex*; ma jridnix nagħmel nail art jew nail extention, skond il-moda ta' llum… Emminni li xebbagħni għall-aħħar! Ir-raġel ma huwiex xħiħ, anzi huwa ġeneruż ħafna miegħi f'affarijiet oħrajn, speċjalment ilbies, imma fejn jidħlu l-affarijiet li semmejt ma jitħarrikx ħarira. Għandi noqgħodlu għal dak li jrid hu? Għandni nħossni inferjuri għal nisa oħrajn, li żwiegħom iħalluhom fil-libertà fejn jidħlu l-gosti tagħhom?**

## *Patri William iwieġeb…*

*Ngħidlek il-veru ma nafx kif se nibda nwieġeb għall-ittra tiegħek. Huwa minnu li r-raġel mhux suppost joqgħod jindaħallek fuq affarijiet indifferenti, bħal dawk li semmejt. Suppost tiġih f'rasu li ma għandux jumilja 'l martu u jpoġġiha fi stat inferjuri għal nisa oħrajn. Meta qed jgħix ma' mara suppost jaf x'inhi l-psikoloġija tagħha, speċjalment fejn tidħol is-sbuħija, is-sens estetiku ta' persunitha.*

*Ma nafx f'liema sitwazzjoni ekonomika tinsabu fil familja tagħkom. Qed ngħid hekk għaliex hawn nisa li, biex iżommu ruħhom qishom pupi, tgħidx kemm qed jonfqu flus bla bżonn. Jekk dan huwa l-każ - għalkemm inti għedt li r-raġel tiegħek ma għandux idejh magħluqa – ma tagħtihx tort li qed jurik li ma jiħux pjaċir bil-gosti estetiċi tiegħek, li jitolbu ċertu ammont ta' flus. Xi wħud altru li qegħdin jesaġeraw fl-infiq ta' flus li qed jonfqu f'dak li qed nitkellmu dwaru, waqt li ċerti negozjanti altru li qed jixxalaw kemm jifilħu, huma u jilagħbu fuq l-iżjed parti debboli tal-mara.*

*Barra minn hekk, ġaladarba inti mara miżżewġa, l-iżjed ħaġa li trid tinteressak hi li togħġob lil żewġek kif igħid San Pawl (1 Kor 7,34). Jekk żewġek jammirak iżjed mingħajr dawk l-affarijiet li semmejt, għax iżjed jogħġbuh fik l-affarijiet meta huma naturali, inħoss li inti għandek tobdih, ħlwaqt li hu għandu jkun raġunat miegħek.*

*Naħseb li bħala mara għaqlija iżjed tippreferixxi tkun inferjuri għal nisa oħrajn fejn tidħol id-dafra tax-xagħar u tiżjin ieħor fis-swaba, milli toqgħod tħaqqaqha mar-raġel fuq ħwejjeġ li ma tantx għandhom importanza u jinqala' l-inkwiet.* •

# IT-TALENTI TAGĦNA








"Qabeż is-sinjur u qallu: 'Qaddej ħażin u għażżien, kont taf li jien naħsad fejn ma żrajtx u niżbor fejn ma xerridtx. Mela kien imissek mort qegħedt flusi l-bank biex, meta niġi, kont immur niġborhom bl-imgħax. Ħudulu mela t-talent u agħtuh lil dak li għandu l-għaxar talenti. Għax min għandu jingħatalu, u jkollu żżejjed ukoll, iżda min m'għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu."

Din hi silta li nsibu fl-Evanġelju skond San Mattew li titkellem dwar il-parabbola tat-talenti. Fil-fatt, kultant mhux daqshekk faċli għalina l-bnedmin li nindunaw x'inhuma t-talenti tagħna u dan għaliex il-mod kif jiġri dan mhux sempliċi bħal dak li jidher fil-parabbola fejn is-sinjur qabad lil kull wieħed mill-qaddejja tiegħu u tahom it-talenti f'idejhom. Anzi bil-kuntrarju, huwa waqt l-iżvilupp tagħna li nkunu rridu nindunaw bihom. Fil-fatt, ħafna drabi jkunu n-nies ta' madwarna li jindunaw b'dawn it-talenti li aħna jkollna.

Din il-parabbola tolqotni ferm għaliex l-importanti għas-sinjur ma kienx kemm-il talent wieħed kellu, imma li kull wieħed jiżviluppahom. U dan japplika għalina wkoll. Mhux kulħadd kapaċi jagħmel kollox u ħafna affarijiet għaliex kieku żgur li d-dinja kienet tkun monotona! Imma kulħadd jista' jiżviluppa l-ftit li għandu!

Fiċ-Ċentru tagħna tal-Ġi.Fra. huwa dan li jolqotni ħafna għaliex mhux kulħadd hu maqtugħ biex jagħmel kollox, però kulħadd jaf xi ħaġa u bis-saħħa t'hekk jagħmel il-grupp tagħna dak li hu. Tista' tgħid li tassew nikkumplimentaw lil xulxin għaliex fi franternità Franġiskana ngħinu lil xulxin niżviluppaw dawn it-talenti u forsi ngħinu wkoll wieħed lill-ieħor nindunaw b'xi talenti li aħna qatt qabel ma nkunu nafu li għandna... jew minħabba fil-mistħija jew għax qatt qabel ma nnutajna li jkollna dak it-talent partikolari jew għax jkollna xi nuqqas ta' fiduċja fina nfusna.

Wieħed mit-talenti li lili jogħġobni fija u li nieħu gost nużah huwa li nirreċta. Dan ma jfissirx li jiena xi waħda li qed nimmira li nilħaq xi star bih. Lanqas ma jfisser li jiena l-aqwa waħda f'din il-ħaġa għaliex bla dubju li hemm ħafna persuni oħra fil-grupp li nista' nkompli nitgħallem mingħandhom.

Meta nkunu ħa norganizzaw xi tip ta' drama bħal xi mima jew farsa nipprova nieħu sehem. L-ewwelnett għaliex huwa mezz kif dejjem insir naf persuni oħra u b'hekk anki nitgħallem nittollera lill-oħrajn bl-opinjonijiet u bl-ideat tagħhom. Fil-fatt hija xi ħaġa normali li jkun hemm nuqqas ta' ftehim ma' xi ħadd waqt li tkun qed tagħmel dawn id-drammi. Din hija sfida mbagħad għalija biex nipprova niċċara l-affarijiet b'mod li f'dak li jkun nara lil Ġesù u anki lili nnifsi fil-persuna ta' quddiemi.

Id-drama togħġobni wkoll għaliex inti tkun trid tinterpreta persuna oħra li m'intix int u li allura jkollha karattru differenti milli kif fir-realtà tkun int. Dan jgħinni ħafna biex nifhem aktar għaliex persuna ġġib ruħha b'ċertu mod f'dik iċ-ċirkustanza li niltaqa' magħha fir-realtà.

B'danakollu ma jfissirx li nsibha faċli biex inkompli niżviluppa dan it-talent u talenti oħra li jiena għandi u li nkompli nużahom tajjeb anki fil-ħajja nisranija tiegħi. Però, frażi li ferm tolqotni u li nħobb inżomm bħala motto ta' ħajti hija l-frażi ta' Ġesù: **"Ikun dak li trid int"**. •



# UBBIDJENZA B'IMĦABBA (3)

## KAMPJUNI TA' UBBIDJENZA FRANĠISKANA



**FELIĊ MINN NICOSIA (1715-1787)** fratell lajk Kapuċċin imħarreġ sew fl-ubbidjenza minn Gwardjan Patri Macario li kien jordna bil-goff lil ta' taħtu anki meta mhux suppost. Ma kien jiddardar xejn tant li nistgħu ngħidu li bil-martell u skalpell ta' l-ubbidjenza skolpixxa l-qdusija ta' dan Feliċ. Meta l-viċi-re ta' Sqallija waqt żjara li għamel lill-Kapuċċini wera x-xewqa li jiltaqa' ma' dan lajk, il-Gwardjan sejjaħlu u ppreżentahulu b'dal-mod goff: *"Il-viċi-re jixtieq jindaga fuq l-ipokresija tal-fama ta' qdusitek."* Huma u jitkellmu kisru billi qallu li flok it-tpaċiċ, aħjar imur iġib ftit ilma frisk. Il-fratell bla ma rrispondieħ mar biex iġib l-ilma, imma barmil tal-bir ma kienx hemm għax ħbihulu apposta. Biex taparsi joħroġ ta' raġel, il-Gwardjan ta lill-fratell ċestin tal-ħobż





magħmul mill-qasab u bagħatu jġib l-ilma fih biex minn għalih jumiljah. Imma Feliċ obda u ġabu mimli ilma bla ma qattar jew waqqa' xi qatra waħda.

Altru li qdusija jpokrita! Ir-rebħa ta' din l-ubbidjenza erojka tissupera saħanistra lill-mewt. Kristu obda sal-mewt; Feliċ obda anki wara l-mewt. Possibbli? Kif? Imfarraġ bid-dilka mqaddsa (Griżma tal-morda) u b'għajnuniet oħra tar-ruħ, Feliċ ħass li kellu jitlob il-permess mingħand is-superjur ħalli b'ubbidjenza lejh isalpa minn did-dinja għall-oħra. Dan sikktu bla ma qatagħlu xewqtu. Wara t-tielet ripetizzjoni ta' l-istess talba, qalb Feliċ waqfet mit-taħbit bla ma tilef l-użu tas-sens tal-ħars, smiegħ u ċaqlieq tax-xofftejn. Ġabulu t-tabib wara tliet sigħat u ddikjarah mejjet għalkemm il-funzjoni ta' wħud mis-sensi ppersistiet. Kien hawn li l-Gwardjan intebaħ bl-imġiba xejn umana tiegħu ma' Feliċ u jibki l-imgħoddi tiegħu u mbellah quddiem dal-miraklu ta' bniedem mejjet-ħaj, awguralu t-tluq aħħari bil-barka tiegħu: *"Oħroġ, o ruħ nisranija, minn did-dinja; tir, o spirtu magħżul lejn ħdan Alla fl-isem tat-Trinità Qaddisa u ta' Missierna San Franġisk."* U ħaġa ta' l-iskantament b'qalb wieqfa f'ġisem kiesaħ, għax mejjet, Feliċ lissen: *"Grazzi, Patri Gwardjan; Ħuti aħfruli; Ġesù, Ġużeppi u Marija toħroġ ruħi fis-sliem tagħkom."* Bl-ubbidjenza rebbieħ dejjem, sew f'ħajtu u sew wara mewtu. •





**Nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2005, f'Kuba seħħet laqgħa storika bejn il-President Fidel Castro Ruiz u l-Isqfijiet tal-Knisja Kattolika. L-Isqfijiet kienu ilhom żmien twil jitolbu laqgħa ma' Castro. Fl-aħħar din seħħet u b'riħet hekk tista' tiċċelebra l-għeluq is-70 sena ta' relazzjonijiet diplomatiċi bejn Kuba u l-Vatikan. Dan l-avveniment deher fl-aħbarijiet uffiċċjali tal-gvern kemm fuq it-televiżjoni kif ukoll fuq il-gazzetta. Skond l-aħbarijiet kif ukoll skond l-informazzjoni li tawna l-Isqfijiet din il-laqgħa kienet waħda kordjali. Kienet laqgħa li bdiet fl-4:30 ta' filgħaxija u ntemmet b'ikla f'nofs il-lejl. Il-President kien preżenti tul il-laqgħa kollha minbarra ħin limitat ta' madwar siegħa għax kellu jmur isellem lil grupp ta' tobba Kubani qabel ma telqgħu lejn il-Pakistan sabiex jagħtu għajnuna medika.**

# LAQGĦA STORIKA





Matul din il-laqgħa saru tliet diskorsi: wieħed min-Nunzju Appostoliku tal-Vatikan għal Kuba Mons. Bonazzi, ieħor mill-Kardinal u Isqof ta' La Habana Mons. Jaime Ortega Alamino u l-ieħor mill-Isqof ta' Bayamo-Manzanillo Mons. Dionisio García Ibáñez. Matul il-laqgħa u b'mod speċjali matul id-diskorsi ġew evitati punti ta' kontroversja. L-Isqfijiet iddeċidew li matul il-laqgħa ma jitolbu xejn u ma jiddiskutu xejn. Din kienet inizjattiva sabiex tinżamm atmosfera ta' kordjalità u ħbiberija bejn iż-żewġ naħat. Fid-diskors prinċipali ta' Mons. Dionosio l-Isqfijiet tkellmu dwar l-identità vera tal-Knisja Kattolika u dwar dak li qed tagħmel fil-preżent mal-poplu Kuban speċjalment ma' dawk li huma l-aktar fil-bżonn.

Din il-laqgħa, li damet mat-8 sigħat, żgur li għandha tħalli l-effetti pożittivi tagħha. Fuq kollox b'laqgħa bħal din jinkiser is-silġ sabiex iż-żewġ naħat jaħdmu id f'id għall-ġid tal-poplu Kuban u jiġġarraf kull preġudizzju li jista' jeżisti. Nittamaw li dan l-avveniment ikollu effetti aktar fit-tul u wkoll follow-up sabiex iż-żewġ naħat ikomplu jersqu lejn xulxin wara 46 sena ta' persekuzzjoni min-naħa tal-gvern komunista kontra l-Knisja Kattolika. It-triq ta' kull progress f'kull qasam hija biss dik tad-djalogu u l-Knisja minn żmien twil ilha li offriet u wriet ir-rieda tajba għal din it-triq. Nitolbu sabiex dan id-djalogu bejn Knisja u Stat f'Kuba jkompli u jħalli l-effetti li kull Kuban ta' rieda tajba jixtieq li jseħħu għall-ġid ta' kulħadd. •



# ĦAJJA BEJN TNEJN

**Fuq l-Omeliji, hemm ħafna kieku xi ngħid, iżda waħda mill-affarijiet li l-aktar idejquni hija meta nisma' saċerdoti jitkellmu fuq iż-żwieġ, il-ħajja u l-imġiba ta' bejn il-miżżewġin. Sfortunatament, jitfgħu lil kulħadd ġo keffa waħda, spiss ikollhom biss kliem ta' tmaqdir jew jirreferu għar-relazzjonijiet sesswali bejn il-miżżewġin bħalha l-akbar problema. Dan minflok jagħmlu katekeżi fuq ir-relazzjoni bejn il-koppja miżżewġa. Nittama li f'dan ir-rigward jaqraw u jiflu sewwa ir-riżoluzzjonijiet ta' l-aħħar Sinodu ta' l-Isqfijiet.**

Forsi din l-introduzzjoni ma għoġbitx lil kull min beda jaqra dan l-artiklu. Iżda ridt nikteb hekk għaliex fil-ħajja bejn il-koppja hemm ħafna sabiħ u pożittiv. Iż-Żwieġ huwa istituzzjoni divina; kieku ż-Żwieġ ma kienx ikun Sagrament, jew le? Bis-saħħa taż-Żwieġ tiġi ffurmata l-familja li 'hija l-kenn tal-ħajja, tat-tama u l-post priviliġġjat minn fejn il-fidi tkun tista' tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra'. Dan il-messaġġ jinsab fl-Ittra li l-Konferenza ta' l-Isqfijiet Spanjoli bagħtet lill-Q.T. il-Papa Benedittu XVI biex jistidnuh jieħu sehem fil-ħames Laqgħa Dinjija tal-Familji li se ssir f'Valenzia (Spanja) f'Lulju li ġej.

Aċċettajt li nikteb fuq dan is-suġġett mhux għax jiena nista' nkun ta' xempju jew nieqes mill-problemi, imma biex naqsam magħkom ftit ideat mill-esperjenza sabiħa li għaddej minnha għal dawn l-aħħar 34 sena. Bosta jitkellmu fuq tħejjija tajba qabel iż-Żwieġ. Mitt darba u elf, iżda mara u raġel miżżewġin isiru jafu lil xulxin sewwa wara li jiżżewġu. M'hemmx riċetti, m'hemmx formuli, ma jeżistux ġeneralizzazzjonijiet; fatti partikulari applikati fuq kulħadd. Ma jfissirx b'daqshekk li tħejjija tajba m'hijix neċessarja, anzi! Nuqqas ta' tħejjija tajba toħloq problemi serji anki fis-soċjetà u jekk hemm bżonn tħejjija tajba għal kollox aħseb u ara fiż-Żwieġ, li huwa pass importanti fil-ħajja tal-bniedem għax ma jorbotx biss persuna waħda.

Kont rajt episodju minn fiction fuq ir-RAI, fejn it-tifla ta' xi 10 snin, ta' koppja li kienet għaddejja minn fażi kritika minħabba bruda fir-relazzjoni ta' bejniethom, ferħet għax semgħethom jilletikaw. L-omm u l-missier skantaw kif semgħu lit-tifla ċċapċap u skantati saqsewha għaliex u din wieġbet: *"Qed nieħu pjaċir għax la qegħdin titkellmu, anki jekk bl-għajjat, sinjal li għadkom miġbudin lejn xulxin..."* Il-komunikazzjoni hija fost l-elementi essenzjali



fil-ħajja miżżewġa u jekk tkun akkumpanjata bi tbissima, forsi mhux dejjem hu possibbli, id-djalogu jsir aħjar u tikber il-fiduċja f'xulxin. Kemm ir-raġel u kemm il-mara jridu jkunu kontinwament b'għajnejhom miftuħin beraħ għal dak li jista' jinqala': mard, nuqqas ta' xogħol u nkwiet ieħor. B'hekk isiru jafu, iħobbu u jirrispettaw lil xulxin iktar. Ma jkunux egoisti u jagħdru lil xulxin f'kollox. Jevitaw ix-xeħħa u l-għira, tnejn minn fost l-akbar għedewwa ta' Żwieġ hieni, u fl-istess waqt jirsistu u jgħinu lil xulxin ħalli jibnu rabta sinciera u ġenwina filwaqt li joħolqu bażi soda u b'hekk iż-Żwieġ flok jitkisser jissaħħaħ iktar.

Kull koppja għandha l-mod tagħha ta' ħajja tagħha għalhekk l-inizjattiva, l-individwalità, il-personalità, l-interdipendenza huma karatteristiċi għal kull koppja li trid titrregola hi skond il-prinċipji, iċ-ċirkustanzi u l-eżiġenzi tal-ħajja. Naħseb li raġel u mara miżżewġin għandhom ikunu prattiċi meta jiddiskutu l-problemi, it-trobbija ta' l-ulied, it-tqassim ġust tal-finanzi (mhux jiena għalija u inti għalik), l-għajnuna reċiproka fil-kura tad-dar, ir-relazzjonijiet mal-qraba, mal-ħbieb kif ukoll fuq il-post tax-xogħol. Anki l-imġiba morali, il-ħajja spiritwali għandhom jiġu diskussi b'sens miftuħ u ta' stima lejn xulxin. Bla dubju dan kollu jeħtieġ paċenzja, kalma u responsabiltà. •

## *Limerikki*

minn Tony C. Cutajar



### ID-DGĦAJJA

Taħsibhom puliti b'dak l-ilbies,
Forsi anki kuljum il-quddies,
Meta f'daqqa u l-ħin
Tisma' dagħa, kliem ħażin –
Lil ġaħan il-libsa għamlitu nies!



"Iż-Żwieġ, li huwa pass importanti fil-ħajja tal-bniedem għax ma jorbotx biss persuna waħda."

# "QATT MA STENNEJNA GRAZZJA BĦAL DIN!"

**Għaddew 10 snin (qisu ilbieraħ!) meta Ivan beda jħoss il-vokazzjoni għal patri. Kienet bħal sajjetta fil-bnazzi għalina! Qatt ma stennejna grazzja bħal din! ... Ħasadna ... għax għalkemm Ivan kien membru tal-Museum u attiv ħafna fil-qasam tan-Naxxar, qatt ma kellu ħajra ta' vokazzjoni. Sa minn ċkunitu, qatt ma nafu li kien isemmi li jrid isir patri jew saċerdot.**




Niftakar li ftit qabel ma qalilna bil-vokazzjoni, kont bdejt narah ħosbien u kwiet li mhux soltu tiegħu u kont staqsejtu xi ġralu. Weġibni li kien qed iħoss li l-Mulej ried xi ħaġa oħra minnu. Jiena lanqas biss daħlitli f'moħħi l-vokazzjoni u ħsibt li ried joħroġ mill-Museum biex jiżżewweġ. Però Ivan qalli li ma kienx il-każ. Xi ġranet wara qalli li kellu appuntament ma' Patri Joe Gullano għax kien qed iħoss il-vokazzjoni li jsir patri Franġiskan Kapuċċin minħabba film dwar San Franġisk li kien ra u li kien ħawdu ħafna. Jiena niftakar li fraħt fuq li fraħt u bkejt fuq li bkejt għax kont nitolbu lill-Mulej għal din il-grazzja!

Jiena u missieru għamilnielu ħafna kuraġġ u minn hemm 'il quddiem Ivan baqa' miexi pass pass fil-vokazzjoni tiegħu bis-saħħa tat-talb u bl-għajnuna tas-superjuri tiegħu.

Il-vokazzjoni ta' Ivan bidlitna ħafna, saħħitna iżjed fil-fidi u fl-ispiritwalità, imlietna b'ħafna grazzji u tamiet sbieħ fil-ħajja. Meta nħarsu lejn dan ir-rigal li l-Mulej għoġbu jagħtina u x'teżor se nħallu warajna, qalbna timtela bil-ferħ u ninsew għal mument it-tbatijiet u l-problemi kollha li nkunu għaddejjin minnhom. Ivan jagħmlilna ħafna kuraġġ! Aħna nħossuna kuntenti bl-għażla tiegħu u kburin bih u nirringrazzjaw 'il Alla kull ħin u kull mument.

Aħna nemmnu ħafna fit-talb u nitolbu ħafna għal uliedna. Żgur li huwa t-talb li qed iżommna f'saħħitna biex nikkumbattu mal-ħajja li mhix kollox ward u żahar. It-talb tal-ġenituri flimkien għal uliedhom jasal żgur. Qatt ma għandna naqtgħu qalbna li nitolbu, għax it-talb biss

## "Jiena niftakar li fraħt fuq li fraħt u bkejt fuq li bkejt għax kont nitolbu lill-Mulej għal din il-grazzja!"



iżommna fuq saqajna flimkien mal-qawwa li toħroġ mis-Sagrament ta' l-Ewkaristija. Ivan għallimna ħafna ħwejjeġ ... l-iżjed waħda hi li m'għandniex norbtu qalbna ma' l-affarijiet ta' din id-dinja. Aħna dejjem insegwuh fil-mixja li qed jagħmel u bi ħsiebna nibqgħu nagħmlu dan sa l-aħħar. Nibqgħu nitolbu għalih biex il-Mulej ikompli jsaħħu dejjem iżjed u jipperseverah fil-vokazzjoni sa l-aħħar, u mhux lilu biss imma wkoll lil sħabu kollha.



Għalkemm ħassejnieh ħafna meta telaq mid-dar, però rrealizzajna li Ġesù issa jridu lura għalih u aħna tajniehulu bil-ferħ. Indunajna wkoll li l-vokazzjoni ta' Ivan bdiet ftit ftit tiftaħna biex nibdew niffurmaw parti minn familja ikbar ... infatti, inħossuna li dħalna fil-familja Franġiskana Kapuċċina! Nieħdu gost nattendu kull attività li jkollhom il-Kapuċċini bħal pereżempju l-Adorazzjoni Vokazzjonali li ssir darba fix-xahar fil-knisja tal-Kapuċċini tal-Furjana, il-funzjonijiet li jsiru fil-fest liturġiċi (Milied, Għid, San Franġisk, eċċ.) u xi attivitajiet oħra bħal laqgħat li jsiru għalina l-ġenituri darba kultant. Barra minn dan, aħna ngħinu wkoll il-Missjoni tal-Kapuċċini billi nagħtu sehemna fit-tqasqis tal-bolol u fit-tqassim tad-Dawl Franġiskan.

Nixtiequ fl-aħħarnett nieħdu l-okkażjoni biex nagħmlu kuraġġ lill-ġenituri kollha biex jekk ikollhom il-grazzja li l-Mulej jagħżel lil xi ħadd mit-tfal tagħhom biex ikun ikkonsagrat lilu fil-ħajja reliġjuża jew/u saċerdotali, jifirħu, jagħmlulu kuraġġ u jitolbu għalih. Nixtiequ nispiċċaw billi nipproponu talba li l-ġenituri jistgħu jgħidu ta' kuljum għal uliedhom:

**"Mulej Ġesù agħtina grazzja li jkollna iben saċerdot jew reliġjuż. Aħna rridu ngħixu ħajja nisranija tajba u ngħallmu lil uliedna jagħmlu l-ġid biex ikollna din il-grazzja fil-familja tagħna. Amen."** •



# ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom. Sibu l-kliem mitlufin.

**Mill-Atti ta' l-Appostli**

AGABU
AKWILLA
BARJESU
BLASTRU
DAMARI
DJONISJU
ELIMA
GASON
GALLJON
HAMOR
KLAWDJU
KORNELJU
KRISPU
LIDJA
LUĊJU
MANAHEN
PRIXILLA
RODA
SILA
SOSTENE

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | I | D | J | O | N | I | S | J | U | A | M |
| O | A | Ġ | A | S | O | N | P | R | I | D | A |
| S | I | L | A | G | U | B | A | G | A | U | N |
| T | E | B | K | K | R | N | T | M | J | B | A |
| E | G | L | W | T | O | X | A | C | Z | L | H |
| N | R | X | I | J | D | R | U | V | L | A | E |
| E | O | F | L | M | I | L | N | I | A | S | N |
| S | M | L | A | X | A | D | X | E | G | T | M |
| J | A | D | O | R | I | X | V | T | L | U | C |
| G | Ħ | I | E | L | I | F | L | I | D | J | A |
| U | P | S | I | R | K | L | A | W | D | J | U |
| Ż | N | O | P | S | U | S | E | J | R | A | B |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħa ta' Frar 2006 hija: Marija Gatt – Floriana**

**Nifirħulek!**

# TISLIBA - 61



1. X'kont nagħmel bilqiegħda. (Neħ 1,4) **(5)**
2. Il-ħoss ta' din. (Naħ 3,2) **(6)**
3. Kulur iż-żiemel. (Apk 6,2) **(5)**
4. U din qaddisa. (1 Tess 5,26) **(5)**
5. Kien żmien dan. (Rut 1,22) **(4)**
6. Xaqaq b'dan u r-rakkmu. (Mh 5,30) **(5)**
7. Kul, ..., ixxala. (Lq 12,19) **(5)**
8. *Ejjew* 'l hawn. (Lev 10,4) **(5)**
9. Bħal ulied dan. (Għan 9,7) **(3)**
10. Lejn dan ta' Ġerusalem. (Eżek 4,7) ( **(7)**
11. u 12. Li nħobb... (2 Ġw 1) **(6)**
13. Priġunier ma' Pawlu. (Film 23) **(6)**
14. Bħal dan għall-ġamar. (Prov 26,21) **(5)**
15. X'għamlu lil jum is-Sibt. (1 Mak 1,43) **(5)**
16. Mishuqin bħalha. (Sof 2,2) **(5)**
17. Iż-żgħir ta' Ħela. (1 Kron 4,7) **(5)**
18. Ma' min iġġieled Ġeħowas. (2 Slat 14,11) **(7)**
19. U din fiergħa. (Għerf 2,3) **(4)**
20. Jitilgħu minnha. (Hos 2,2) **(3)**
21. Ikun... għalih. (Mt 18,6) **(5)**
22. Din hi qalila tan-nar. (1 Pt 4,12) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' FRAR 2006:**

***1. Koraħ; 2. Jistħu; 3. Saħna; 4. u 12. Annimali; 5. Qmis; 6. Fifra; 7. Okina; 8. Numri; 9. Art; 10. Nfisser; 11. Kul; 12. Ara 4.; 13. Limiti; 14. Frott; 15. Lemin; 16. Ittaj; 17. Ukoll; 18. Rabbejt; 19. Bjar; 20. Mak; 21. Trabi; 22. Artal.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

**Ir-Rebbieħa ta' Jannar 2006 huwa: Joseph Naudi – Naxxar. Nifirħulek!**






# L-EĊĊELLENZA TIEGĦU MONS. MARIO GRECH

## ISQOF TAD-DJOĊESI T'GĦAWDEX

**Il-Ħadd 22 ta' Jannar 2006, jum il-konsagrazzjoni ta' Mons. Mario Grech bħala Isqof tad-Djoċesi t'Għawdex, inħasset arja ta' ċelebrazzjoni fost il-poplu tal-gżira Għawdxija u mhux inqas ta' Malta li segwa l-funzjoni fuq il-mezzi tax-xandir. Mons. Grech huwa t-tmien Isqof (u Amministratur Appostoliku) għal dawn l-aħħar 142 sena li se jmexxi d-Djoċesi t'Għawdex.**

L-episkopat ta' Mons. Grech se jkun imfassal fuq il-kelmiet **Għarfuh fil-Qsim tal-Ħobż**. Dan il-motto li b'mod qawwi jinsab fl-istemma ta' l-Isqof il-ġdid jirrifletti żewġ mumenti mill-Evanġelju:

- ***il-miraklu tal-multiplikazzjoni tal-ħobż u l-ħut; u***
- ***r-rakkont ta' żewġ dixxipli fi triqthom lejn Emmaus, meta ltaqgħu ma' strangier u stednuh jibqa' magħhom u għarfuh fil-qsim tal-Ħobż bħala Ġesù Rxoxt.***

L-Isqof Mons. Mario Grech irid isir "Ħobż maqsum" għall-komunità li fuqha jippresiedi bħala qassis. B'hekk ikun jista' wkoll jaqdi l-missjoni tiegħa bħala ragħaj u bħala sajjied.

Id-Direzzjoni DAWL FRANĠISKAN f'għaqda mal-Provinċja Franġiskana Kapuċċina tifraħ u tawgura lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech ħidma fejjieda b'abbundanza ta' Paċi u Ġid.

**Ad multos annos** •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**